Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 9 ta' April 2021**
**(OR. en)**

**7661/21**
**ADD 1**

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2021/0079(NLE)**

**AVIATION 66**
**RELEX 277**
**OC 10**
**TU 3**
**MED 8**

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 8 ta' April 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 153 final - ANNEX |
| Suġġett: | ANNESS tal-Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 153 final - ANNEX.

---

Mehmuż: COM(2021) 153 final - ANNEX

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 8.4.2021
COM(2021) 153 final

ANNEX

# ANNESS

***tal-***

**Proposta għal Deċiżjoni tal-Kunsill**

**dwar il-konklużjoni, f'isem l-Unjoni Ewropea, tal-Ftehim Ewro-Mediterranju dwar l-Avjazzjoni bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, minn naħa waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra**

FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU DWAR IS-SERVIZZI TAL-AJRU

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra

WERREJ

ARTIKOLU 1:  Definizzjonijiet

**TITOLU I:  DISPOŻIZZJONIJIET EKONOMIĊI**

ARTIKOLU 2:  Drittijiet tat-traffiku u skeda tar-rotot

ARTIKOLU 3:  Awtorizzazzjoni tal-operat

ARTIKOLU 4:  Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-awtorizzazzjoni

ARTIKOLU 5:  Investiment fit-trasportaturi tal-ajru

ARTIKOLU 6:  Ħarsien tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji

ARTIKOLU 7:  Kompetizzjoni ġusta

ARTIKOLU 8:  Attivitajiet kummerċjali

ARTIKOLU 9:  Taxxi u dazji doganali

ARTIKOLU 10:  Imposti fuq l-użu

ARTIKOLU 11:  Rati tal-passiġġieri u tan-nol

ARTIKOLU 12:  Statistika

**TITOLU II:  KOOPERAZZJONI REGOLATORJA**

ARTIKOLU 13:  Sikurezza tal-avjazzjoni

ARTIKOLU 14:  Sigurtà tal-avjazzjoni

ARTIKOLU 15:  Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru

ARTIKOLU 16:  Ħarsien tal-ambjent

ARTIKOLU 17:  Responsabbiltà tat-trasportaturi tal-ajru

ARTIKOLU 18:  Protezzjoni tal-konsumaturi

ARTIKOLU 19:  Aspetti soċjali

**IT-TITOLU III:  DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI**

ARTIKOLU 20:  Interpretazzjoni u implimentazzjoni

ARTIKOLU 21:  Kumitat konġunt

ARTIKOLU 22:  Soluzzjoni ta' tilwim u arbitraġġ

ARTIKOLU 23:  Miżuri ta' salvagwardja

ARTIKOLU 24:  Rabta ma' ftehimiet oħrajn

ARTIKOLU 25: Djalogu reġjonali

ARTIKOLU 26:  Emendi

ARTIKOLU 27:  Terminazzjoni

ARTIKOLU 28:  Reġistrazzjoni tal-ftehim

ARTIKOLU 29: Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea

ARTIKOLU 30:  Dħul fis-seħħ

ANNESS I      : Dispożizzjonijiet tranżitorji

ANNESS Ia: Dispożizzjonijiet tranżitorji relatati mal-ajruport internazzjonali Tunis-Carthage

ANNESS II     :  Lista ta' regoli applikabbli għall-avjazzjoni ċivili

ABBOZZ

FTEHIM EWRO-MEDITERRANJU DWAR IS-SERVIZZI TAL-AJRU

bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra

IR-RENJU TAL-BELĠJU,

IR-REPUBBLIKA TAL-BULGARIJA,

IR-REPUBBLIKA ĊEKA,

IR-RENJU TAD-DANIMARKA,

IR-REPUBBLIKA FEDERALI TAL-ĠERMANJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-ESTONJA,

L-IRLANDA,

IR-REPUBBLIKA ELLENIKA,

IR-RENJU TA’ SPANJA,

IR-REPUBBLIKA FRANĊIŻA,

IR-REPUBBLIKA TAL-KROAZJA,

IR-REPUBBLIKA TALJANA,

IR-REPUBBLIKA TA’ ĊIPRU,

IR-REPUBBLIKA TAL-LATVJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-LITWANJA,

IL-GRAN DUKAT TAL-LUSSEMBURGU,

L-UNGERIJA,

MALTA,

IR-RENJU TAN-NETHERLANDS,

IR-REPUBBLIKA TAL-AWSTRIJA,

IR-REPUBBLIKA TAL-POLONJA,

IR-REPUBBLIKA PORTUGIŻA,

IR-RUMANIJA,

IR-REPUBBLIKA TAS-SLOVENJA,

IR-REPUBBLIKA SLOVAKKA,

IR-REPUBBLIKA TAL-FINLANDJA,

IR-RENJU TAL-IŻVEZJA,

li huma partijiet għat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u għat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'l quddiem flimkien imsejħa "it-Trattati tal-UE", u Stati Membri tal-Unjoni Ewropea, minn hawn 'l quddiem flimkien imsejħa l-"Istati Membri tal-UE", u individwalment imsejħa "Stat Membru tal-UE",

u l-Unjoni Ewropea,

min-naħa l-waħda, u

ir-Repubblika tat-Tuneżija, minn hawn 'l quddiem imsejħa "t-Tuneżija",

min-naħa l-oħra,

It-Tuneżija u l-Istati Membri, bħala partijiet għall-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li nfetħet għall-firem f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, mal-Unjoni Ewropea;

FILWAQT LI JAGĦRFU li dan il-ftehim Ewro-Mediterranju dwar is-servizzi tal-ajru jaqa' fl-ambitu tas-sħubija Ewro-Mediterranja prevista fid-dikjarazzjoni ta' Barċellona tat-28 ta' Novembru 1995;

FILWAQT LI JINNUTAW ir-rieda komuni tagħhom li jippromwovu żona Ewro-Mediterranja tal-avjazzjoni bbażata fuq il-prinċipji tal-approssimazzjoni u tal-kooperazzjoni regolatorja u tal-liberalizzazzjoni tal-aċċess għas-suq, b'kundizzjonijiet ekwi ta' kompetizzjoni;

BIX-XEWQA li jtejbu s-servizzi tal-ajru u li jippromwovu sistema tal-avjazzjoni internazzjonali li tkun ibbażata fuq in-nondiskriminazzjoni u fuq il-kompetizzjoni miftuħa u ġusta bejn it-trasportaturi tal-ajru;

BIX-XEWQA li jippromwovu l-interessi tagħhom fil-qasam tat-trasport bl-ajru;

FILWAQT LI JAGĦRFU l-importanza tal-konnettività ta' trasport bl-ajru effiċjenti li jippromwovi l-kummerċ, it-turiżmu, l-investiment u l-iżvilupp ekonomiku u soċjali;

BIX-XEWQA li jiżguraw l-ogħla livell ta' sikurezza u sigurtà fit-trasport bl-ajru u filwaqt li jaffermaw it-tħassib serju tagħhom dwar l-atti jew it-theddidiet kontra s-sigurtà tal-inġenji tal-ajru, li jipperikolaw is-sikurezza tal-persuni jew tal-proprjetà, jaffettwaw ħażin l-operat tat-trasport bl-ajru u jimminaw il-fiduċja tal-pubbliku fis-sikurezza tal-avjazzjoni ċivili;

FILWAQT LI JINNUTAW il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li nfetħet għall-firem f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944;

DETERMINATI li jimmassimizzaw il-benefiċċji potenzjali tal-kooperazzjoni regolatorja u l-armonizzazzjoni tal-liġijiet u tar-regolamenti tal-avjazzjoni ċivili rispettiva tagħhom;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU l-benefiċċji potenzjali sinifikanti li jistgħu jirriżultaw minn servizzi tal-ajru kompetittivi u minn industriji tal-avjazzjoni vijabbli;

BIX-XEWQA li jipprovdu lit-trasportaturi tal-ajru kundizzjonijiet ekwivalenti ta' kompetizzjoni;

FILWAQT LI JAGĦRFU li s-sussidji jistgħu jolqtu ħażin il-kompetizzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru u jistgħu jipperikolaw l-għanijiet bażiċi ta' dan il-Ftehim;

FILWAQT LI BIĦSIEBHOM jibnu fuq il-ftehimiet dwar l-avjazzjoni u l-arranġamenti eżistenti bejn il-partijiet kontraenti bil-għan li jinfetaħ l-aċċess għas-suq u li jiġu massimizzati l-benefiċċji għall-passiġġieri, għall-kunsinnatarji, għat-trasportaturi tal-ajru u għall-ajruporti u l-persunal tagħhom, tal-popolazzjonijiet taż-żewġ partijiet kontraenti;

FILWAQT LI JAFFERMAW l-importanza tal-ħarsien tal-ambjent fil-qafas tal-iżvilupp u l-implimentazzjoni tal-politika internazzjonali dwar l-avjazzjoni;

FILWAQT LI JAFFERMAW il-ħtieġa li tittieħed azzjoni urġenti biex jiġi miġġieled it-tibdil fil-klima u li titkompla l-kooperazzjoni biex jitnaqqsu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra fis-settur tal-avjazzjoni, b'mod konsistenti mal-ftehimiet multilaterali dwar din il-kwistjoni, b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' miżuri komprensivi bbażati fuq is-suq, kif miftiehem fid-39 Assemblea tal-ICAO, u b'mod partikolari mal-istrumenti rilevanti tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali (ICAO) u l-Ftehim ta' Pariġi tat-12 ta' Diċembru 2015, taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima;

FILWAQT LI JAFFERMAW l-importanza tal-protezzjoni tal-konsumaturi u l-kisba ta' livell xieraq ta' protezzjoni tal-konsumaturi fis-servizzi tal-ajru u filwaqt li jirrikonoxxu l-ħtieġa għal kooperazzjoni reċiproka f'dan il-qasam;

FILWAQT LI JIRRIKONOXXU li ż-żieda fl-opportunitajiet ta' kummerċ mhix maħsuba biex iddgħajjef l-istandards tax-xogħol u l-istandards tax-xogħol tal-partijiet kontraenti, u filwaqt li jenfasizzaw l-importanza tad-dimensjoni soċjali tal-avjazzjoni internazzjonali u tal-analiżi dwar l-effetti tal-ftuħ tal-aċċess għas-swieq fuq il-ħaddiema, l-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol;

FILWAQT LI JINNUTAW l-importanza li jittejjeb l-aċċess għall-kapital għas-settur tat-trasport bl-ajru, bil-ħsieb li jiġi żviluppat aktar it-trasport bl-ajru skont ir-regolamenti fis-seħħ ta' kull parti kontraenti;

FILWAQT LI JINNUTAW li l-għan ta' dan il-ftehim għandu jiġi applikat b'mod gradwali, u li mekkaniżmu adattat jista' jiżgura approssimazzjoni aktar stretta tal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea,

FTIEHMU KIF ĠEJ:

ARTIKOLU 1

Definizzjonijiet

Għall-finijiet ta' dan il-Ftehim, sakemm ma jingħadx mod ieħor:

1. "ftehim": dan il-ftehim, l-annessi u l-appendiċijiet tiegħu u kwalunkwe emenda tiegħu;

2. "servizz tal-ajru": it-trasport b'inġenji tal-ajru, ta' passiġġieri, bagalji, merkanzija u posta, b'mod separat jew konġunt, offrut lill-pubbliku bi ħlas, inklużi s-servizzi tal-ajru skedati u mhux skedati;

3. "determinazzjoni taċ-ċittadinanza": is-sejba li trasportatur tal-ajru li jipproponi li jopera servizzi tal-ajru skont dan il-ftehim jissodisfa r-rekwiżiti tal-Artikolu 3 ta' dan il-ftehim fir-rigward tas-sjieda, tal-kontroll effettiv u tal-post prinċipali tan-negozju tiegħu;

4. "determinazzjoni tal-adegwatezza": is-sejba li trasportatur tal-ajru li jipproponi li jopera servizzi tal-ajru skont dan il-ftehim ikollu kapaċità finanzjarja sodisfaċenti u l-għarfien adattat fit-tmexxija u li jkun lest jikkonforma mal-liġijiet u mar-regolamenti tal-partijiet kontraenti u mar-rekwiżiti li jirregolaw l-operat tat-tali servizzi;

5. "awtoritajiet kompetenti": l-aġenziji jew l-entitajiet tal-gvern responsabbli mill-funzjonijiet amministrattivi skont dan il-ftehim;

6. "konvenzjoni": il-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, li nfetħet għall-firem f'Chicago fis-7 ta' Diċembru 1944, u li tinkludi:

   a) kull emenda li daħlet fis-seħħ taħt l-Artikolu 94(a) tal-Konvenzjoni u li ġiet irratifikata kemm mit-Tuneżija, min-naħa l-waħda, u mill-Istat Membru jew mill-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, min-naħa l-oħra, u li hija rilevanti għas-suġġett inkwistjoni; u

   b) kull anness jew kull emenda adottati għalih taħt l-Artikolu 90 tal-Konvenzjoni, safejn it-tali anness jew it-tali emenda jkunu effettivi fi kwalunkwe waqt partikolari kemm fit-Tuneżija kif ukoll fl-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea jew fl-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea, u li jkunu rilevanti għas-suġġett inkwistjoni;

7. "kost totali": l-ispiża tal-forniment tas-servizz flimkien ma' ammont raġonevoli għall-ispejjeż ġenerali amministrattivi;

8. "servizz tal-ajru internazzjonali": servizz tal-ajru li jgħaddi mill-ispazju tal-ajru li jkun jinsab fuq it-territorju ta' mill-inqas żewġ Stati;

9. “partijiet kontraenti”: it-Tuneżija, min-naħa l-waħda, u l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha min-naħa l-oħra;

10. “post ewlieni tan-negozju”: is-sede ewlenija jew l-uffiċċju rreġistrat ta’ trasportatur tal-ajru li jkunu jinsabu fuq it-territorju tal-parti kontraenti u li fihom jitwettqu l-funzjonijiet finanzjarji ewlenin u l-kontroll tal-operat ta’ dan it-trasportatur tal-ajru, inkluża l-ġestjoni tal-ajrunavigabbiltà kontinwa f’konformità mal-awtorizzazzjonijiet maħruġa għall-operat tiegħu;

11. “waqfien għal finijiet mhux kummerċjali” tfisser waqfa b’għan li ma jkollux x’jaqsam mat-tlugħ jew mal-inżul tal-passiġġieri, tal-bagalji, tal-merkanzija u/jew tal-posta waqt it-trasport bl-ajru;

12. “rati tal-passiġġieri”: il-prezzijiet li għandhom jitħallsu lit-trasportaturi tal-ajru jew lill-aġenti tagħhom jew lil bejjiegħa oħra tal-biljetti għat-trasport ta’ passiġġieri permezz ta’ servizzi tal-ajru (inkluż kull mezz ieħor ta’ trasport b’rabta magħhom) u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni ta’ dawn il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħrajn;

13. “rati tan-nol”: il-prezzijiet li għandhom jitħallsu għat-trasport ta’ merkanzija permezz ta’ servizzi tal-ajru (inkluż kull mezz ieħor ta’ trasport b’rabta magħhom), u l-kundizzjonijiet li jirregolaw l-applikazzjoni ta’ dawn il-prezzijiet, inklużi r-remunerazzjoni u l-kundizzjonijiet offruti lill-aġenzija u lil servizzi awżiljarji oħrajn;

14. “Territorju”: għat-Tuneżija, iż-żoni tal-art (iż-żoni kontinentali u l-gżejjer), l-ilmijiet interni u territorjali taħt is-sovranità u l-ispazju tal-ajru ta’ fuqhom, u, għall-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha, iż-żoni tal-art, l-ilmijiet interni u l-ibħra territorjali tal-Istati Membri fejn japplikaw it-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, skont id-dispożizzjonijiet imniżżlin f’dawn tal-aħħar u l-ispazju tal-ajru ta’ fuqhom.

15. “imposta fuq l-użu”: ħlas impost fuq it-trasportaturi tal-ajru għall-użu ta’ faċilitajiet jew ta’ servizzi tal-ajruport, tal-ambjent tal-ajruport, tan-navigazzjoni fl-ajru jew tas-sigurtà tal-avjazzjoni, inklużi s-servizzi u l-faċilitajiet relatati;

16. “servizzi fuq l-art”: sitwazzjoni li fiha l-utent jipprovdi direttament għalih innifsu waħda jew aktar mill-kategoriji ta’ servizzi fuq l-art u ma jkun ikkonkluda ebda kuntratt ta’ kwalunkwe tip ma’ partijiet terzi għall-forniment ta’ dawk is-servizzi; għall-finijiet ta’ din id-definizzjoni, l-utenti tal-ajruporti bejniethom ma għandhomx jitqiesu bħala partijiet terzi meta:

a) entità waħda jkollha maġġoranza ta’ ishma fl-oħra; jew

b) entità waħda jkollha maġġoranza ta’ ishma f’kull waħda minnhom;

17. “Ftehim ta’ Assoċjazzjoni” tfisser il-Ftehim Ewro-Mediterranju li jistabbilixxi assoċjazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa l-waħda, u r-Repubblika tat-Tuneżija, min-naħa l-oħra, li ġie ffirmat fi Brussell fis-17 ta’ Lulju 1995;

18. “servizz miftiehem” u “rotta speċifikata”: rispettivament, servizz tal-ajru internazzjonali u rotta speċifikata skont l-Artikolu 2 (Drittijiet tat-traffiku) ta’ dan il-ftehim;

19. “servizz tal-ajru skedat”: serje ta’ titjiriet li kollha jkollhom il-karatteristiċi kollha li ġejjin:

a) fuq kull titjira, ikun hemm postijiet u/jew kapaċità għat-trasport tal-merkanzija u/jew tal-posta disponibbli biex jinxtraw mill-pubbliku b’mod individwali (jew direttament mingħand it-trasportatur tal-ajru jew inkella mingħand l-aġenti awtorizzati tiegħu);

b) kull titjira titħaddem sabiex isservi t-traffiku bejn l-istess żewġ ajruporti jew aktar:

- skont skeda ppubblikata, jew

- b’titjiriet li tant ikunu regolari jew spissi li jikkostitwixxu serje sistematika evidenti;

20. “servizz tal-ajru mhux skedat”: kwalunkwe servizz kummerċjali tal-ajru li ma jkunx servizz tal-ajru skedat;

21. “trasportatur tal-ajru”: impriża b’liċenzja operattiva jew b’awtorizzazzjoni ekwivalenti valida;

22. “kontroll effettiv”: relazzjoni kkostitwita minn jeddijiet, kuntratti jew kull mezz ieħor li, jew b’mod separat jew b’mod konġunt u b’kont meħud tal-konsiderazzjonijiet ta’ fatt jew liġi involuta, jagħtu l-possibbiltà li direttament jew indirettament tiġi eżerċitata influwenza deċiżiva fuq xi impriża, b’mod partikolari permezz ta’:

a) dritt li jintużaw l-assi kollha ta’ impriża jew parti minnhom;
b) jeddijiet jew kuntratti li jagħtu influwenza deċiżiva fuq il-kompożizzjoni, il-votazzjoni jew id-deċiżjonijiet tal-korpi ta’ xi impriża jew li b’xi mod ieħor jinfluwenzaw b’mod deċiżiv it-tmexxija tal-operat kummerċjali tal-impriża;

23. “kontroll regolatorju effettiv”: l-evidenza ta’ kontroll regolatorju effettiv ta’ trasportatur tal-ajru minn Stat trid tkun kif ġej:

a) it-trasportatur tal-ajru jkollu liċenzja jew permess operattiv validi maħruġa mill-awtorità kompetenti ta’ dak l-Istat bħal Ċertifikat ta’ Operatur tal-Ajru (AOC);
b) it-trasportatur tal-ajru jissodisfa l-kriterji tal-imsemmi Stat relatat mal-operat ta’ servizzi tal-ajru internazzjonali bħal prova tas-saħħa finanzjarja, tal-kapaċità li jissodisfa l-kondizzjoni tal-interess pubbliku, l-obbligi li jirrigwardaw il-garanzija tas-servizz;

24. “liċenzja operattiva”:

(i) fil-każ tal-Unjoni Ewropea u tal-Istati Membri tagħha, il-liċenzja operattiva u kwalunkwe dokument jew ċertifikat rilevanti ieħor maħruġ skont ir-Regolament (KE) Nru 1008/2008 u kull att suċċessiv tiegħu u

(ii) fil-każ tat-Tuneżija, il-liċenzji operattivi, iċ-ċertifikati, l-awtorizzazzjonijiet jew l-eżenzjonijiet maħruġa skont il-leġiżlazzjoni Tuneżina fis-seħħ;

25. "SESAR" (Riċerka dwar il-Ġestjoni tat-Traffiku bl-Ajru tal-Ajru Uniku Ewropew): il-programm tal-implimentazzjoni teknika tal-Ajru Uniku Ewropew li jippermetti il-koordinazzjoni u s-sinkronizzazzjoni tar-riċerka, tal-iżvilupp u tal-mobilizzazzjoni tal-ġenerazzjonijiet il-ġodda tas-sistemi tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru;

26. "dritt tal-ħames libertà": id-dritt jew il-privileġġ mogħti minn Stat partikolari ("l-Istat li jagħti") lit-trasportaturi tal-ajru ta' Stat ieħor ("l-Istat li jirċievi"), sabiex dawn jipprovdu servizzi internazzjonali tat-trasport bl-ajru bejn it-territorju tal-Istat li jagħti u dak ta' pajjiż terz, dejjem jekk it-tali servizzi jkunu jibdew jew jispiċċaw fit-territorju tal-Istat li jirċievi;

## TITOLU I

## DISPOŻIZZJONIJIET EKONOMIĊI

### ARTIKOLU 2

### Drittijiet tat-traffiku u skeda tar-rotot

1. Id-drittijiet iddefiniti f'dan l-artikolu huma soġġetti għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I u 1a ta' dan il-ftehim.

Skeda tar-rotot

2. Kull Parti Kontraenti tippermetti lit-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra li topera fuq ir-rotot speċifikati hawn taħt:

(i) għat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea:

Punti fl-Unjoni Ewropea - punti intermedji - punti fit-Tuneżija - punti lil hinn

(ii) punti għat-trasportaturi tal-ajru tat-Tuneżija:

Punti fit-Tuneżija - punti intermedji - punti fl-Unjoni Ewropea - punti lil hinn

Drittijiet tat-traffiku

3. Kull parti kontraenti għandha tagħti lill-parti kontraenti l-oħra d-drittijiet li ġejjin, għall-operat tas-servizzi tal-ajru internazzjonali mit-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra:

(a) id-dritt li jtiru fuq it-territorju tagħha mingħajr inżul;

(b) id-dritt li jwettqu waqfien għal finijiet mhux kummerċjali fuq it-territorju tagħha;

(c) id-dritt li joperaw servizzi tal-ajru internazzjonali fuq ir-rotot li ġejjin:

(i) għat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea:

bejn kwalunkwe punt fl-Unjoni Ewropea u kwalunkwe punt fit-Tuneżija

(ii) għat-trasportaturi tal-ajru tat-Tuneżija:

bejn kwalunkwe punt fit-Tuneżija u kwalunkwe punt fl-Unjoni Ewropea

(d) id-drittijiet l-oħra speċifikati f'dan il-ftehim.

Flessibbiltà operattiva

4. Għal kwalunkwe titjira jew għat-titjiriet kollha u meta jagħżlu huma, fuq ir-rotot speċifikati fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq, it-trasportaturi tal-ajru ta' kull Parti Kontraenti jistgħu:

(a) joperaw titjiriet f'xi waħda mid-direzzjonijiet jew fit-tnejn li huma;

(b) jgħaqqdu flimkien numri tat-titjiriet differenti f'operazzjoni waħda ta' inġenju tal-ajru;

(c) iservu punti intermedji, punti lil hinn u punti fit-territorju tal-partijiet kontraenti, fi kwalunkwe kombinazzjoni u fi kwalunkwe ordni kif previst fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq;

(d) ma jagħmlux waqfiet f'ċertu punt jew f'ċerti punti;

(e) jittrasferixxu t-traffiku minn kwalunkwe inġenju tal-ajru tagħhom għal kwalunkwe inġenju tal-ajru ieħor tagħhom fi kwalunkwe punt (trasferiment tat-tagħbija);

(f) jagħmlu waqfiet fi kwalunkwe punt, kemm fit-territorju ta' xi waħda mill-partijiet kontraenti kif ukoll 'il barra minnu;

(g) iġorru t-traffiku fi tranżitu mit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra;

(h) jgħaqqdu flimkien it-traffiku fuq l-istess inġenju tal-ajru, irrispettivament minn fejn ikun beda t-tali traffiku; u

(i) iservu aktar minn punt wieħed fuq l-istess servizz (ko-terminalizzazzjoni);

Il-flessibbiltà operattiva pprovduta f'dan il-paragrafu tista' tiġi eżerċitata mingħajr limitazzjoni fuq id-direzzjoni jew l-ordni ġeografika u mingħajr telf ta' kwalunkwe dritt tat-trasportatur tat-traffiku li jkun awtorizzat mod ieħor taħt dan il-ftehim, sakemm:

(i) is-servizzi tat-trasportaturi tal-ajru tat-Tuneżija jservu f'punt fit-Tuneżija;

(ii) is-servizzi tat-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea jservu f'punt fi ħdan l-Unjoni Ewropea.

5. Kull parti kontraenti għandha tippermetti lil kull trasportatur tal-ajru jiddeċiedi dwar il-frekwenza u l-kapaċità tat-trasport internazzjonali bl-ajru li dan ikun joffri abbażi tal-kunsiderazzjonijiet kummerċjali li jkun hemm fis-suq. B'mod konsistenti ma' dan id-dritt,

ebda parti kontraenti ma għandha tillimita b'mod unilaterali l-volum tat-traffiku, il-frekwenza jew ir-regolarità tas-servizz, ir-rotta, l-oriġini u destinazzjoni tat-traffiku, jew it-tip jew tipi ta' inġenji tal-ajru li jitħaddmu mit-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra, ħlief għal raġunijiet ta' dwana, raġunijiet tekniċi, tal-operat, ta' sikurezza tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, ambjentali jew tal-ħarsien tas-saħħa, ħlief meta dan ikun inkonsistenti mal-liġijiet ta' dan il-ftehim.

6. Xejn f'dan il-ftehim ma għandu jitqies li qed jagħti lit-trasportaturi tal-ajru:

(a) tat-Tuneżija, id-dritt li jtellgħu abbord fi kwalunkwe Stat Membru tal-Unjoni Ewropea passiġġieri, bagalji, merkanzija u/jew posta biex jinġarru lejn punt ta' destinazzjoni ieħor f'dak l-istess Stat Membru tal-Unjoni Ewropea;

(b) tal-Unjoni Ewropea, id-dritt li jtellgħu abbord, fit-Tuneżija, passiġġieri, bagalji, merkanzija u/jew posta biex jinġarru lejn punt ta' destinazzjoni ieħor fit-Tuneżija.

7. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 24 (rabtiet ma' ftehimiet oħra), ebda waħda mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim ma għandha tiġi interpretata bħala li tagħti lit-trasportaturi tal-ajru taż-żewġ partijiet kontraenti l-eżerċitar tad-drittijiet tat-traffiku tal-ħames libertà f'punti intermedji u fuq punti lil hinn mir-rotot speċifikati fil-paragrafu 2 ta' hawn fuq.

8. Ir-referenza għall-punti f'dan l-artikolu għandha tinftiehem bħala li tirreferi għal ajruporti rikonoxxuti internazzjonalment.

9. Meta jeżerċitaw id-drittijiet u l-obbligi rispettivi tagħhom taħt dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti ma għandhomx jiddiskriminaw bejn trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra, b'mod partikolari abbażi tan-nazzjonalità.

10. Minkejja kull dispożizzjoni oħra ta' dan il-ftehim, parti kontraenti tista' tirrifjuta li tidħol f'attivitajiet tat-trasport bl-ajru internazzjonali lejn, minn fuq jew mit-territorju ta' pajjiż terz li miegħu dik il-parti kontraenti ma jkollhiex relazzjonijiet diplomatiċi.

## ARTIKOLU 3

## Awtorizzazzjoni tal-operat

1. Meta tirċievi applikazzjoni għal-awtorizzazzjoni tal-operat mibgħuta minn trasportatur tal-ajru ta' waħda mill-partijiet kontraenti, il-parti kontraenti l-oħra għandha tagħti l-awtorizzazzjonijiet tal-operat u l-permessi tekniċi xierqa bl-inqas dewmien proċedurali possibbli, dejjem jekk:

(a) fil-każ ta' trasportatur tal-ajru tat-Tuneżija:

(i) it-trasportatur tal-ajru jkollu l-post ewlieni tan-negozju tiegħu fit-Tuneżija u jkollu s-sjieda ta' liċenzja operattiva valida f'konformità mal-liġi fis-seħħ fit-Tuneżija; u

(ii) il-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru jkun eżerċitat u miżmum mit-Tuneżija, li hija responsabbli mill-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tagħha; u

(iii) it-trasportatur tal-ajru jkun proprjetà tat-Tuneżija u/jew ċittadini tagħha, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, u jkun ikkontrollat effettivament minnhom;

(b) fil-każ ta' trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea:

(i) il-post ewlieni tan-negozju trasportatur tal-ajru jkun fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattati tal-UE, u jkun irċieva l-liċenzja operattiva valida skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea; u

(ii) l-kontroll regolatorju effettiv tat-trasportatur tal-ajru jiġi eżerċitat u miżmum mill-Istat Membru responsabbli għall-ħruġ taċ-ċertifikat tal-operatur tal-ajru tiegħu u l-awtorità kompetenti tkun identifikata b'mod ċar; u

(iii) it-trasportatur tal-ajru jkun, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, ikkontrollat minn Stat Membru jew minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea jew tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri, jew mit-tnejn fl-istess waqt

(c) ikunu qed jitħarsu d-dispożizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 13 (sikurezza tal-avjazzjoni) u fl-Artikolu 14 (sigurtà tal-avjazzjoni) ta' dan il-ftehim; u

(d) it-trasportatur tal-ajru jissodisfa l-kundizzjonijiet preskritti taħt il-liġijiet u r-regolamenti li normalment japplikaw għall-operat ta' servizzi tal-ajru internazzjonali mill-parti li tikkunsidra l-applikazzjoni.

2. Meta jinħarġu awtorizzazzjonijiet tal-operat u permessi tekniċi, il-partijiet kontraenti għandhom jittrattaw it-trasportaturi tal-ajru kollha tal-parti kontraenti l-oħra b'mod mhux diskriminatorju.

3. Meta tasal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mibgħuta minn trasportatur tal-ajru ta' waħda mill-Partijiet Kontraenti, l-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra għandhom jirrikonoxxu kwalunkwe deċiżjoni li jkunu ħadu l-awtoritajiet kompetenti tal-ewwel Parti Kontraenti dwar kemm hu adegwat dak it-trasportatur tal-ajru jew dwar iċ-ċittadinanza tiegħu daqslikieku kienu ħaduha huma stess, u ma għandhomx jistħarrġu l-kwistjoni iktar, ħlief hekk kif previst fis-subparagrafi a) u b) ta' hawn taħt.

a) Jekk, wara li tasal applikazzjoni għall-awtorizzazzjoni mibgħuta minn trasportatur tal-ajru, jew wara li tingħata t-tali awtorizzazzjoni, l-awtoritajiet kompetenti tal-parti kontraenti li tkun irċeviet l-applikazzjoni jkollhom raġuni speċifika għat-tħassib, imsejsa fuq dubju raġonevoli, li, minkejja d-deċiżjoni meħuda mill-awtoritajiet kompetenti tal-parti kontraenti l-oħra, ma jkunux ġew issodisfati l-kundizzjonijiet mogħtija fl-Artikolu 3 ta' dan il-Ftehim (awtorizzazzjoni tal-operat) għall-għoti tal-awtorizzazzjonijiet u tal-permessi x-xierqa, allura huma għandhom javżaw minnufih

lil dawk l-awtoritajiet u jagħtu r-raġunijiet sostantivi għat-tħassib tagħhom. F'dak il-każ, kwalunkwe waħda mill-partijiet kontraenti tista' titlob li jsiru konsultazzjonijiet, li jistgħu jinkludu rappreżentanti mill-awtoritajiet kompetenti taż-żewġ partijiet kontraenti, u/jew tista' titlob li jingħata iktar tagħrif li jkun rilevanti għal dan it-tħassib; it-tali talbiet għandhom jintlaqgħu mill-iktar fis possibbli. Jekk il-kwistjoni tibqa' ma tiġix riżolta, kwalunkwe waħda mill-partijiet kontraenti tista' tressaq il-kwistjoni quddiem il-Kumitat Konġunt imwaqqaf skont l-Artikolu 21 ta' dan il-ftehim (Kumitat Konġunt) u, skont il-paragrafu 10 tal-Artikolu 21 (Kumitat Konġunt), tista' tieħu l-miżuri adattati ta' salvagwardja skont l-Artikolu 23 (Miżuri ta' salvagwardja).

b) Dawn il-proċeduri ma jkoprux ir-rikonoxximent ta' deċiżjonijiet marbutin ma':
   i) iċ-ċertifikati jew il-liċenzji dwar is-sikurezza;
   ii) l-arranġamenti ta' sigurtà; jew
   iii) il-kopertura tal-assigurazzjoni.

## ARTIKOLU 4

## Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-awtorizzazzjoni

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet kontraenti jistgħu jirrifjutaw, jirrevokaw, jissospendu jew jillimitaw l-awtorizzazzjonijiet tal-operat jew inkella jissospendu jew jillimitaw l-operat tat-trasportatur tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra, meta:

a) fil-każ ta' trasportatur bl-ajru tat-Tuneżija:

- il-post prinċipali tan-negozju tiegħu ma jkunx fit-Tuneżija jew ma jkunx irċieva l-liċenzja operattiva valida skont il-liġi fis-seħħ fit-Tuneżija; jew
- it-Tuneżija ma tkunx teżerċita jew iżżomm kontroll regolatorju effettiv fuq it-trasportatur tal-ajru jew l-awtorità kompetenti ma tkunx identifikata b'mod ċar; jew
- it-trasportatur tal-ajru ma jkunx il-proprjetà tat-Tuneżija u/jew taċ-ċittadini tagħha, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, u ma jkunx ikkontrollat effettivament minnhom;

b) għal trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea:

- il-post ewlieni tan-negozju tat-trasportatur tal-ajru ma jkunx fit-territorju ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea skont it-Trattati tal-UE, jew ma jkunx irċieva liċenzja operattiva valida skont il-liġijiet tal-Unjoni Ewropea; jew
- l-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li jkun responsabbli għall-ħruġ taċ-Ċertifikat tal-Operatur tal-Ajru tiegħu ma jkunx jeżerċita jew iżomm kontroll regolatorju effettiv fuq it-trasportatur tal-ajru, jew l-awtorità kompetenti ma tkunx identifikata b'mod ċar; jew
- it-trasportatur tal-ajru ma jkunx, direttament jew b'maġġoranza ta' ishma, ikkontrollat minn Stat Membru jew minn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea

jew tal-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles u/jew miċ-ċittadini ta' dawn l-Istati Membri, jew mit-tnejn fl-istess waqt;

c) it-trasportatur tal-ajru jkun kiser id-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji msemmija fl-Artikolu 6 ta' dan il-Ftehim (Ħarsien tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji); jew

(d) id-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 13 (Sikurezza tal-Avjazzjoni) u fl-Artikolu 14 (Sigurtà tal-Avjazzjoni) ma jkunux qed jinżammu u lanqas qed jiġu amministrati;

e) parti kontraenti tkun iddikjarat, f'konformità mal-Artikolu 7 (Kompetizzjoni Ġusta) ta' dan il-ftehim, li l-kundizzjonijiet ta' ambjent kompetittiv ma jkunux qed jiġu ssodisfati.

2. Sakemm ma jkunx essenzjali li tittieħed azzjoni immedjata biex jiġi evitat kwalunkwe nuqqas ta' konformità mal-punti (c) jew (d) tal-paragrafu 1, id-drittijiet stabbiliti b'dan l-Artikolu għandhom ikunu eżerċitati biss wara li ssir konsultazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-parti kontraenti l-oħra.

## ARTIKOLU 5

## Investiment fit-trasportaturi tal-ajru

1. Minkejja l-Artikolu 3 (Awtorizzazzjoni tal-operat) u l-Artikolu 4 ta' dan il-ftehim (Rifjut, revoka, sospensjoni u limitazzjoni tal-awtorizzazzjoni), u wara li l-Kumitat Konġunt, b'mod konformi mal-Artikolu 21(8) (Kumitat Konġunt), ikun ikkonferma li skont il-liġijiet rispettivi tagħhom kull waħda mill-partijiet kontraenti (u/jew iċ-ċittadini tagħhom) tista' takkwista maġġoranza ta' ishma u/jew ikollha kontroll effettiv fuq trasportatur tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra, il-partijiet kontraenti jistgħu jippermettu li trasportatur tal-ajru tat-Tuneżija jkollu s-sjieda permezz ta' maġġoranza ta' ishma u/jew ikollu kontroll effettiv mill-Istati Membri tal-UE u/jew miċ-ċittadini tagħhom jew li trasportatur tal-ajru tal-Unjoni Ewropea jkollu s-sjieda permezz ta' maġġoranza ta' ishma u/jew kontroll effettiv mit-Tuneżija u/jew miċ-ċittadini tagħha, skont il-kundizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta' dan l-Artikolu.

2. Fir-rigward tal-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, se jkunu permessi, każ b'każ, l-investimenti li jkunu fl-interess tal-partijiet kontraenti bis-saħħa ta' deċiżjoni preċedenti tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 21(2) ta' dan il-ftehim. Din id-deċiżjoni għandha tispeċifika l-kundizzjonijiet marbutin mal-operat tas-servizzi miftiehma skont dan il-ftehim u mas-servizzi ta' bejn il-pajjiżi terzi u l-partijiet kontraenti. Id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21(10) (Kumitat Konġunt) ta' dan il-ftehim ma għandhomx jgħoddu għal dan it-tip ta' deċiżjoni.

## ARTIKOLU 6

## Ħarsien tad-dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji

1. Meta ajruplan jidħol jew iħalli t-territorju ta' parti kontraenti jew meta jkun fih, it-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra jridu josservaw kemm il-liġijiet u r-regolamenti li jkunu applikabbli f'dak it-territorju li jirrigwardaw id-dħul fi jew it-tluq mit-territorju tagħha ta' inġenji tal-ajru li jkunu qed iwettqu servizzi tal-ajru internazzjonali, kif ukoll dawk dwar l-operat u n-navigazzjoni tal-inġenji tal-ajru.

2. Meta ajruplan jidħol jew iħalli t-territorju ta' parti kontraenti jew meta jkun fih, il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli f'dak it-territorju u li jikkonċernaw id-dħul fit-territorju tagħha jew it-tluq minnu ta' passiġġieri, ekwipaġġ jew merkanzija fuq l-inġenji tal-ajru (inklużi r-regolamenti li jikkonċernaw id-dħul, il-permessi, l-immigrazzjoni, il-passaporti, id-dwana u l-kwarantina jew, fil-każ tal-posta, ir-regolamenti postali), għandhom jitħarsu mit-tali passiġġieri u minn dawn il-membri tal-ekwipaġġ jew minn kull min jaġixxi f'isimhom u, fir-rigward tal-merkanzija, mill-konsenjatur tal-parti kontraenti l-oħra.

3. Kull parti kontraenti għandha, fit-territorju tagħha, tawtorizza lit-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra biex jieħdu miżuri biex jiżguraw li jiġu ttrasportati biss il-persuni bid-dokumenti tal-ivvjaġġar meħtieġa biex jidħlu fit-territorju tagħhom, jew biex jgħaddu mit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra.

## ARTIKOLU 7

### Kompetizzjoni ġusta

1. Il-partijiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu li l-għan komuni tagħhom huwa li jkun hemm ambjent ġust u kompetittiv u opportunitajiet ġusti u indaqs li jippermettu li t-trasportaturi tal-ajru taż-żewġ partijiet kontraenti jikkompetu fl-operat tas-servizzi awtorizzati fuq ir-rotot speċifikati. Għaldaqstant, il-partijiet kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex jiżguraw rispett sħiħ għal dan l-objettiv.

2. Il-partijiet kontraenti għandhom jaffermaw li l-kompetizzjoni ħielsa, ġusta u mingħajr xkiel hija importanti biex jiġu promossi l-objettivi ta' dan il-ftehim u għandhom jinnotaw li l-eżistenza ta' liġi tal-kompetizzjoni komprensiva u ta' awtorità indipendenti tal-kompetizzjoni, kif ukoll l-applikazzjoni soda u effettiva tal-liġi nazzjonali tal-kompetizzjoni tagħhom, hija importanti għall-forniment effiċjenti tas-servizzi tat-trasport tal-ajru. Il-liġi tal-kompetizzjoni ta' kull parti kontraenti rigward il-kwistjonijiet koperti b'dan l-artikolu, kif emendata minn żmien għal żmien, tapplika għall-operazzjonijiet tat-trasportaturi tal-ajru fit-territorju ta' kull parti kontraenti. Il-partijiet kontraenti għandhom jikkondividu l-objettiv tal-kompatibbiltà u tal-konverġenza tal-liġi tal-kompetizzjoni u l-applikazzjoni effettiva tagħha. Huma għandhom jikkooperaw kif xieraq u fejn ikun iġġustifikat fuq l-implimentazzjoni effettiva tal-liġi tal-kompetizzjoni, inkluż billi jippermettu li t-trasportatur(i) tal-ajru tagħhom jew ċittadini oħrajn jikkomunikaw, skont ir-regoli u l-ġurisprudenzi rispettivi tagħhom, informazzjoni rilevanti li tkun relatata ma' azzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni rilevanti mressqa mill-awtoritajiet tal-kompetizzjoni tal-parti kontraenti l-oħra.

3. Xejn f'dan il-ftehim ma għandu jaffettwa jew jillimita l-awtorità u s-setgħat tal-awtoritajiet kompetenti rigward il-kompetizzjoni, u tal-qrati taż-żewġ partijiet kontraenti (u tal-Kummissjoni Ewropea) jew ifixkilhom, u l-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni tal-liġi tal-kompetizzjoni għandhom jibqgħu jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni esklużiva ta' dawn l-awtoritajiet u ta' dawn il-qrati. Kull azzjoni ta' parti kontraenti taħt dan l-Artikolu għandha għalhekk tittieħed mingħajr preġudizzju għal kull azzjoni meħuda minn dawn l-awtoritajiet u minn dawn il-qrati.

4. Kwalunkwe miżura meħuda skont dan l-Artikolu hija r-responsabbiltà unika tal-partijiet kontraenti u hija maħsuba esklużivament għall-parti kontraenti l-oħra u/jew għat-trasportatur(i) tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra li tipprovdi servizzi tat-trasport tal-ajru minn/lejn il-partijiet kontraenti. Miżura bħal din ma għandhiex tkun soġġetta għal xi proċedura ta' soluzzjoni ta' tilwim skont l-Artikolu 22 (Soluzzjoni ta' tilwim u arbitraġġ) ta' dan il-ftehim.

Kompetizzjoni inġusta

5. Kull parti kontraenti għandha telimina kull forma ta' diskriminazzjoni jew prattiċi inġusti li jaffettwaw il-kapaċità tat-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra li jikkompetu b'mod ġust u ekwu fil-forniment tas-servizzi tat-trasport tal-ajru.

Għotjiet u sussidji pubbliċi

6. Ebda parti kontraenti ma għandha tagħti jew tawtorizza sussidji jew għotjiet pubbliċi lit-trasportaturi tal-ajru tagħha jekk aktarx dawn joħolqu distorsjoni mhux iġġustifikata fil-kompetizzjoni ġusta u ekwa fil-forniment tas-servizzi tat-trasport tal-ajru għat-trasportaturi tal-parti kontraenti l-oħra. Dawn is-sussidji jew għajnuniet jistgħu jinkludu, iżda mhumiex limitati biss għal, sussidji inkroċjati, kumpens għal telf operattiv, injezzjoni ta' kapital, għotjiet mhux rimborsabbli, bonds ta' indennizz, self jew assigurazzjonijiet b'kundizzjonijiet preferenzjali, protezzjoni kontra l-falliment, rinunzja ta' rkupru ta' ammonti dovuti, rinunzja ta' rimunerazzjoni normali ta' riżorsi pubbliċi impenjati, ħelsien jew eżenzjonijiet mit-taxxa, kumpens għal piżijiet finanzjarji imposti minn awtoritajiet pubbliċi u l-aċċess, fuq bażi diskriminatorja jew mhux kummerċjali, għal faċilitajiet u servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru jew tal-ajruporti, għal karburanti, għal servizzi fuq l-art, għas-sigurtà, għas-sistemi ta' prenotazzjoni kompjuterizzata, għall-allokazzjoni tal-islots jew għal faċilitajiet u servizzi relatati oħra meħtieġa għall-operat ta' servizzi tal-ajru.

7. Meta parti kontraenti tagħti sussidji jew għotjiet pubbliċi lil trasportatur tal-ajru, din għandha tiżgura t-trasparenza ta' tali miżuri b'mezzi xierqa, li jistgħu jinkludu li titlob lit-trasportatur tal-ajru li b'mod ċar u separat jispeċifika dak is-sussidju jew dik l-għajnuna fil-kontijiet tiegħu.

8. Kull parti kontraenti għandha, fuq talba tal-parti kontraenti l-oħra, tipprovdi lil din tal-aħħar, f'perjodu ta' żmien raġonevoli, rapporti finanzjarji dwar l-entitajiet soġġetti għall-ġurisdizzjoni tal-ewwel parti kontraenti u kwalunkwe informazzjoni oħra li tista' tkun raġonevolment mitluba mill-parti kontraenti l-oħra biex tiġi żgurata l-konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu. Dawn jistgħu jinkludu informazzjoni dettaljata dwar

għotjiet u sussidji kif iddefiniti fil-paragrafu 6 hawn fuq. Il-forniment ta' din l-informazzjoni tista' tkun soġġetta għal trattament kunfidenzjali mill-parti kontraenti li titlob aċċess għall-informazzjoni.

9. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura meħuda mill-awtorità tal-kompetizzjoni kompetenti u/jew mill-qorti responsabbli għall-infurzar tar-regoli msemmija fil-paragrafi 5 u 6:

(a) jekk waħda mill-partijiet kontraenti tqis li trasportatur tal-ajru jkun vittma ta' diskriminazzjoni jew ta' prattiċi inġusti skont it-tifsira tal-paragrafi 5 u 6 hawn fuq u li dan jista' jiġi ppruvat, din tista' tindirizza osservazzjonijiet bil-miktub lill-parti kontraenti l-oħra. Wara li tinforma lill-parti kontraenti l-oħra, parti waħda tista' wkoll tindirizza lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra, inklużi l-entitajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, biex tiddiskuti materji relatati ma' dan l-Artikolu. Barra minn hekk, waħda mill-partijiet kontraenti tista' titlob konsultazzjonijiet dwar din il-kwistjoni mal-parti kontraenti l-oħra sabiex tinsab soluzzjoni għall-problema. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien tletin (30) jum mill-wasla tat-talba. Sadanittant, il-partijiet għadhom jiskambjaw informazzjoni suffiċjenti biex jippermettu li jsir eżami sħiħ dwar it-tħassib espress minn waħda mill-partijiet kontraenti.

(b) jekk il-partijiet kontraenti ma jkunux jistgħu jsolvu l-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet fi żmien tletin jum (30) mill-bidu tal-konsultazzjonijiet jew jekk il-konsultazzjonijiet ma jibdewx fi żmien tletin jum (30) mill-wasla tat-talba rigward ksur allegat tal-paragrafi 5 u 6 ta' hawn fuq, il-parti kontraenti li tkun għamlet it-talba għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-eżerċitar tad-drittijiet mogħtija minn dan il-ftehim lit-trasportatur(i) tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra billi tirrifjuta, tirtira, tirrevoka jew tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-operat, jew li timponi fuq l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet il-kundizzjonijiet li tqis meħtieġa, jew li timponi drittijiet jew li tieħu miżuri oħrajn. Kwalunkwe miżura meħuda taħt dan il-paragrafu għandha tkun xierqa, proporzjonata u limitata sal-limitu meħtieġ mill-kamp ta' applikazzjoni u mit-tul tagħha.

Antitrust

10. Kull parti kontraenti għandha tinforza b'mod effettiv il-leġislazzjoni dwar l-antitrust skont il-paragrafu 2 u ma għandhiex tħalli lit-trasportatur(i) tal-ajru:

(a) fir-rigward ta' kwalunkwe trasportatur tal-ajru ieħor, jidħlu fi ftehimiet, jieħdu deċiżjonijiet jew jimpenjaw ruħhom fi prattiki miftiehma li jistgħu jaffettwaw is-servizzi tat-trasport tal-ajru lejn/minn din il-parti kontraenti, u li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jfixklu, jirrestrinġu jew jgħawġu l-kompetizzjoni. Din il-projbizzjoni tista' tiġi ddikjarata inapplikabbli fejn dawn il-ftehimiet, deċiżjonijiet jew prattiċi jikkontribwixxu biex titejjeb il-produzzjoni jew id-distribuzzjoni tas-servizzi jew biex jiġi promoss il-progress tekniku jew ekonomiku, filwaqt li jirriżervaw sehem ġust mill-profitt li jirriżulta, u mingħajr ma: (i) jimponu fuq l-impriżi kkonċernati restrizzjonijiet li ma jkunux indispensabbli biex jintlaħqu dawn l-objettivi; (ii) jagħtu lil dawn it-trasportaturi tal-ajru l-opportunità, għal parti sostanzjali tas-servizzi inkwistjoni, li jeliminaw il-kompetizzjoni, u

(b) jabbużaw minn pożizzjoni dominanti li tista' taffettwa s-servizzi tat-trasport tal-ajru lejn/minn dik il-parti.

11. Kull waħda mill-partijiet kontraenti għandha esklużivament tafda l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni dwar l-antitrust imsemmija fil-paragrafu 10 ta' hawn fuq lill-awtorità indipendenti tal-kompetizzjoni u/jew lill-qorti tagħha.

12. Mingħajr preġudizzju għal kwalunkwe miżura meħuda mill-awtorità kompetenti tal-kompetizzjoni u/jew mill-qorti responsabbli mill-infurzar tar-regoli msemmija fil-paragrafu 10, jekk waħda mill-partijiet kontraenti tqis li trasportatur tal-ajru jkun vittma ta' ksur allegat tal-paragrafu 10 ta' hawn fuq u li dan ikun jista' jiġi ppruvat, din tista' tindirizza osservazzjonijiet bil-miktub lill-parti kontraenti l-oħra. Wara li tinforma lill-parti kontraenti l-oħra, parti waħda tista' wkoll tindirizza lill-awtoritajiet pubbliċi kompetenti fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra, inklużi l-entitajiet pubbliċi fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali, biex tiddiskuti materji relatati ma' dan l-Artikolu. Barra minn hekk, waħda mill-partijiet kontraenti tista' titlob konsultazzjonijiet dwar din il-kwistjoni mal-parti kontraenti l-oħra sabiex tissolva l-problema. Dawn il-konsultazzjonijiet għandhom isiru fi żmien tletin (30) jum mill-wasla tat-talba. Sadanittant, il-partijiet kontraenti għadhom jiskambjaw informazzjoni suffiċjenti biex jippermettu li jsir eżami sħiħ dwar it-tħassib espress minn waħda mill-partijiet.

13. Jekk il-partijiet kontraenti ma jkunux jistgħu jsolvu l-kwistjoni permezz ta' konsultazzjonijiet fi żmien tletin jum (30) mill-bidu tal-konsultazzjonijiet jew jekk il-konsultazzjonijiet ma jibdewx fi żmien tletin jum (30) mill-wasla tat-talba rigward ksur allegat tal-paragrafu 10, u sakemm l-awtorità jew il-qorti tal-kompetizzjoni tkun sabet ksur tar-regoli relatati mal-kartelli, il-parti kontraenti li tkun għamlet it-talba għall-konsultazzjonijiet għandu jkollha d-dritt li tissospendi l-eżerċizzju tad-drittijiet mogħtija minn dan il-ftehim lit-trasportatur(i) tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra billi tirrifjuta, tirtira, tirrevoka jew tissospendi l-awtorizzazzjoni tal-operat, jew li timponi fuq l-eżerċizzju ta' dawk id-drittijiet il-kundizzjonijiet li tqis meħtieġa, jew li timponi drittijiet jew li tieħu miżuri oħrajn. Kwalunkwe miżura meħuda taħt dan il-paragrafu għandha tkun xierqa, proporzjonata u limitata sal-limitu meħtieġ mill-kamp ta' applikazzjoni u mit-tul tagħha.

## ARTIKOLU 8

### Attivitajiet kummerċjali

Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri applikabbli tagħhom jiżguraw, bħala minimu, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards relatati mat-trasport tal-ajru stabbiliti fil-Parti A tal-Anness II.

**Tmexxija ta' negozju**

1. Il-partijiet kontraenti għandhom jaqblu li l-ostakli għat-tmexxija tan-negozju minn operaturi kummerċjali jikkompromettu l-benefiċċji li għandhom jinkisbu minn dan il-ftehim.

Il-partijiet kontraenti għandhom għalhekk jinvolvu ruħhom fi proċess effettiv u reċiproku biex jitneħħew l-ostakli għat-tmexxija tan-negozju taż-żewġ operaturi kummerċjali taż-żewġ partijiet kontraenti fejn dawn l-ostakli jistgħu jfixklu l-operazzjonijiet kummerċjali, jgħawġu l-kompetizzjoni jew ifixklu l-iżvilupp ta' kundizzjonijiet ekwi tal-kompetizzjoni.

2. Il-Kumitat Konġunt previst fl-Artikolu 21 (Kumitat Konġunt) ta' dan il-ftehim għandu jistabbilixxi proċess ta' kooperazzjoni dwar it-tmexxija tan-negozju u dwar l-opportunitajiet kummerċjali; isegwi l-progress li jkun sar biex jiġu indirizzati b'mod effettiv l-ostakli għat-tmexxija tan-negozju tal-operaturi kummerċjali u jirrevedi s-sitwazzjoni b'mod regolari, b'mod partikolari fir-rigward tal-progress lejn bidliet leġiżlattivi u regolatorji. Parti kontraenti tista' titlob li ssir laqgħa tal-Kumitat Konġunt skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 21 (Kumitat Konġunt) ta' dan il-ftehim, sabiex teżamina kwalunkwe kwistjoni li jista' jkun hemm b'rabta mal-applikazzjoni ta' dan il-paragrafu.

**Ir-rappreżentanti tat-trasportaturi tal-ajru**

3. It-trasportaturi tal-ajru ta' kull parti kontraenti għandu jkollhom id-dritt li jistabbilixxu, fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra, l-uffiċċji u l-faċilitajiet meħtieġa għall-forniment tas-servizzi li jkopri dan il-ftehim.

4. F'konformità mal-liġijiet u r-regolamenti tal-Parti Kontraenti l-oħra dwar id-dħul, ir-residenza, u l-impjieg, it-trasportaturi tal-ajru ta' kull Parti Kontraenti għandhom ikunu intitolati jdaħħlu u jżommu fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra persunal maniġerjali, tal-bejgħ, tekniku, operattiv u kull persunal speċjalizzat ieħor li jkun meħtieġ biex jappoġġja l-provvista tas-servizzi tat-trasport tal-ajru. Iż-żewġ partijiet kontraenti għandhom jiffaċilitaw u jħaffu l-għoti ta' permessi ta' impjieg, meta jkunu meħtieġa, lil dawk il-persuni li jkunu impjegati fl-uffiċċji skont dan il-paragrafu, inkluż dawk li jwettqu ċerti kompiti temporanji li ma jkunux jaqbżu d-disgħin (90) jum, soġġett għal-liġijiet u r-regolamenti rilevanti li jkun hemm fis-seħħ. It-trasportaturi tal-ajru taż-żewġ partijiet kontraenti mhumiex meħtieġa jkollhom sieħeb lokali.

**Servizzi fuq l-art**

5. (a) Mingħajr ħsara għad-dispożizzjonjiet tal-punt (b) ta' hawn taħt, kull trasportatur tal-ajru ta' parti kontraenti għandu, fuq it-territorju tal-parti kontraenti l-oħra:

(i) ikollu d-dritt iwettaq is-servizzi fuq l-art tiegħu stess huwa nnifsu ("awtoforniment ta' servizz"); jew

(ii) ikollu d-dritt li jagħżel minn fost il-fornituri kompetituri li jipprovdu servizzi fuq l-art kompluti jew parzjali, f'każ li dawn il-fornituri jingħataw aċċess għas-suq skont il-liġijiet u r-regolamenti ta' kull parti kontraenti u f'każ li dawn ikunu preżenti fis-suq.

(b) Id-drittijiet stabbiliti fil-punt (i) u (ii) tal-punt (a) ta' dan il-paragrafu huma soġġetti biss għar-restrizzjonijiet speċifiċi ta' spazju jew ta' kapaċità li jirriżultaw mill-ħtieġa li l-operat isir fl-ajruport b'mod sikur. Fejn dawn ir-restrizzjonijiet ma jippermettux, ifixklu jew jillimitaw l-awtoforniment ta' servizz, u fejn ma jkun hemm ebda kompetizzjoni effettiva bejn il-fornituri li jipprovdu s-servizzi fuq l-art, il-parti kontraenti kkonċernata għandha tiżgura li dawn is-servizzi kollha jkunu disponibbli għat-trasportaturi tal-ajru kollha b'mod ekwu u b'mod xieraq; ir-rati għal dawn is-servizzi jiġu kkalkulati skont kriterji rilevanti, oġġettivi, trasparenti u mhux diskriminatorji.

6. Kull fornitur ta' servizzi fuq l-art, kemm jekk ikun trasportatur tal-ajru kif ukoll jekk le, għandu jkollu d-dritt fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra, li jipprovdi servizzi fuq l-art lil trasportaturi tal-ajru li joperaw fl-istess ajruport, b'awtorizzazzjoni u skont il-liġijiet u r-regolamenti fis-seħħ.

**L-allokazzjoni tal-islots fl-ajruporti**

7. Kull parti kontraenti għandha tiżgura li l-proċeduri, il-linji gwida u r-regolamenti tagħha għall-ġestjoni tal-islots li jkunu applikabbli għall-ajruporti fit-territorju tagħha jkunu applikati b'mod indipendenti, trasparenti, effettiv u mhux diskriminatorju, u li ma jikkostitwixxux ostaklu għall-aċċess għas-suq.

**Pjanijiet operattivi, programmi u skedi**

8. Parti kontraenti tista' teħtieġ in-notifika, għal finijiet ta' informazzjoni biss, tal-pjanijiet operattivi, tal-programmi u tal-iskedi tas-servizzi tal-ajru li jiġu operati skont dan il-ftehim. Jekk parti kontraenti teħtieġ din in-notifika, din għandha timminimizza l-piż amministrattiv tar-rekwiżiti u tal-proċeduri ta' notifika għal intermedjarji tat-trasport tal-ajru u għat-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra.

**Bejgħ, spejjeż lokali u trasferiment ta' fondi**

9 It-trasportaturi tal-ajru kollha ta' kull parti kontraenti għandhom id-dritt iwettqu servizzi ta' bejgħ ta' trasport bl-ajru u ta' servizzi anċillari relatati ma' dawk is-servizzi, f'isimhom jew f'isem trasportatur tal-ajru ieħor, fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra b'mod dirett u/jew, jekk it-trasportatur tal-ajru jkun irid, permezz tal-aġenti tal-bejgħ tiegħu, permezz ta' intermedjarji oħra li jkunu maħtura mit-trasportatur tal-ajru jew permezz tal-internet jew ta' kwalunkwe mezz ieħor disponibbli. Kull trasportatur tal-ajru għandu d-dritt li jbigħ dawn is-servizzi ta' trasport, u kull persuna għandha tkun libera li tixtri dawn is-servizzi ta' trasport fil-munita ta' dak it-territorju jew f'muniti li jistgħu jiġu skambjati b'mod ħieles skont ir-regoli monetarji lokali fis-seħħ.

10. It-trasportaturi tal-ajru ta' kull parti kontraenti għandhom jitħallew iħallsu l-ispejjeż lokali magħmula fuq it-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, inkluż fost oħrajn ix-xiri ta'

fjuwil, bil-munita lokali jew b'munita liberament konvertibbli skont ir-regolamenti nazzjonali tal-kambju barrani u tal-kummerċ barrani fis-seħħ.

11. Kull trasportatur tal-ajru għandu d-dritt, jekk jagħmel talba, li jikkonverti f'munita liberament konvertibbli u li jittrasferixxi, fi kwalunkwe ħin, b'xi mod jew ieħor, id-dħul żejjed kollu min-nefqa lokali tiegħu lejn il-pajjiż tal-għażla tiegħu, mingħajr restrizzjonijiet jew taxxi, bir-rata tal-kambju prevalenti fiż-żmien tat-talba għat-trasferiment.

Il-proċeduri amministrattivi relatati mal-konverżjoni u mat-trasferiment tad-dħul żejjed huma applikabbli skont ir-regolamenti tal-kambju speċifiċi fis-seħħ għal kull parti. Il-konverżjoni u t-trasferiment mhumiex soġġetti għal xi imposta, ħlief dawk normalment mitluba mill-banek għat-twettiq tal-konverżjoni u tat-trasferiment.

**Arranġamenti ta' kooperazzjoni kummerċjali**

12. Waqt li jkun qed iħaddem jew joffri servizzi skont dan il-ftehim, kwalunkwe trasportatur tal-ajru ta' parti kontraenti jista' jidħol f'arranġamenti ta' bejgħ kooperattiv, bħalma huma l-ftehimiet ta' spazju riżervat jew l-arranġamenti tal-kondiviżjoni tal-kodiċi, ma':

(a) kwalunkwe trasportatur jew trasportaturi tal-ajru tal-partijiet kontraenti; u

(b) kwalunkwe trasportatur jew trasportaturi tal-ajru ta' pajjiż terz; u

(c) trasportatur wieħed jew aktar tas-superfiċje, tal-art jew tal-baħar, minn kwalunkwe pajjiż;

bil-kundizzjoni li: (i) it-trasportatur li jopera s-servizz ikollu d-drittijiet tat-traffiku x-xierqa u (ii) it-trasportaturi involuti fil-kummerċjalizzazzjoni jkollhom l-awtorità x-xierqa għar-rotot ikkonċernati u (iii) li l-arranġamenti jkunu jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-sikurezza u tal-kompetizzjoni li s-soltu jkunu japplikaw għalihom.

13. F'dak li għandu x'jaqsam ma' bejgħ ta' trasport ta' passiġġieri fuq titjira taħt ftehim ta' kooperazzjoni kummerċjali, ix-xerrej għandu jkun infurmat waqt ix-xiri tal-biljett tal-ajru jew ir-reġistrazzjoni, jew fi kwalunkwe każ qabel ma jitla' abbord meta din tkun titjira ta' konnessjoni bla reġistrazzjoni, dwar liema fornitur tat-trasport se jkun qed jopera kull parti tas-servizz.

**Servizzi intermodali**

14. Fir-rigward tat-trasport tal-passiġġieri, il-fornituri tat-trasport tas-superfiċje ma għandhomx ikunu soġġetti għal-liġijiet u għar-regolamenti li jirregolaw it-trasport tal-ajru minħabba li dan it-trasport tas-superfiċje jkun qed isir minn trasportatur tal-ajru f'ismu stess.

15. Minkejja kwalunkwe dispożizzjoni oħra ta' dan il-Ftehim, it-trasportaturi tal-ajru u l-fornituri indiretti tat-trasport tal-merkanzija tal-partijiet kontraenti għandhom jitħallew jużaw, mingħajr restrizzjoni u b'rabta mat-trasport internazzjonali bl-ajru, kwalunkwe trasport tas-superfiċje għall-merkanzija lejn jew minn kwalunkwe punt fit-territorji tal-partijiet kontraenti

jew f'pajjiżi terzi, inkluż it-trasport lejn u mill-ajruporti kollha rikonoxxuti internazzjonalment li jkollhom il-faċilitajiet tad-dwana kif ukoll, fejn ikun applikabbli, id-dritt li jġorru l-merkanzija fid-dwana skont il-liġijiet u r-regolamenti applikabbli. It-tali merkanzija, kemm jekk tkun qed tinġarr bis-superfiċje kif ukoll jekk tkun qed tinġarr bl-ajru, għandu jkollha aċċess għall-ipproċessar u għall-faċilitajiet doganali tal-ajruporti. It-trasportaturi tal-ajru jistgħu jagħżlu li jwettqu t-trasport tas-superfiċje tagħhom stess jew li jipprovduh permezz ta' arranġamenti ma' trasportaturi oħra tas-superfiċje, inkluż it-trasport bis-superfiċje li jitħaddem minn trasportaturi oħra tal-ajru kif ukoll minn fornituri indiretti tat-trasport tal-merkanzija bl-ajru. Dawn is-servizzi li fihom jintużaw diversi mezzi tat-trasport għall-ġarr tal-merkanzija jistgħu jiġu offruti bi prezz wieħed, li jinkludi t-trasport tal-ajru u tas-superfiċje flimkien, dejjem jekk it-trasportaturi tal-merkanzija ma jkunux żgwidati dwar il-fatti marbutin mat-tali trasport.

**Il-frankiġji u l-immarkar kummerċjali**

16. It-trasportaturi tal-ajru ta' kull parti kontraenti għandu jkollhom id-dritt jidħlu f'arranġamenti dwar il-frankiġji jew dwar l-immarkar kummerċjali ma' kumpaniji ta' kull parti kontraenti jew ta' pajjiżi terzi, inklużi ma' trasportaturi tal-ajru, dejjem jekk it-trasportaturi tal-ajru jkollhom l-awtorità x-xierqa u jkunu jissodisfaw il-kundizzjonijiet preskritti fil-liġijiet u fir-regolamenti li l-partijiet kontraenti s-soltu japplikaw għat-tali arranġamenti, b'mod partikolari f'dawk li jeħtieġu li tiġi żvelata l-identità tat-trasportatur tal-ajru li jkun qed iħaddem is-servizz.

**Kiri**

17. It-trasportaturi tal-ajru ta' kull parti kontraenti jistgħu jidħlu fi ftehimiet għall-provvista ta' inġenji tal-ajru bl-ekwipaġġ jew mingħajru għall-operat ta' servizzi tal-ajru internazzjonali ma':

(a) kwalunkwe trasportatur jew trasportaturi tal-ajru tal-partijiet kontraenti; u

(b) kwalunkwe trasportatur jew trasportaturi tal-ajru ta' pajjiż terz;

sakemm il-parteċipanti kollha f'dawn il-ftehimiet jkollhom l-awtorizzazzjonijiet xierqa u jissodisfaw il-kundizzjonijiet preskritti fil-liġijiet u fir-regolamenti applikati mill-partijiet kontraenti għal ftehimiet bħal dawn. Ebda waħda miż-żewġ partijiet kontraenti ma għandha teħtieġ minn trasportatur tal-ajru li jipprovdi inġenji tal-ajru li jkollu drittijiet tat-traffiku taħt dan il-ftehim għar-rotot li fuqhom jiġu operati l-inġenji tal-ajru. Il-partijiet kontraenti jistgħu jeħtieġu li dawn il-ftehimiet jiġu approvati mill-awtoritajiet kompetenti tagħhom. Meta parti kontraenti teħtieġ tali approvazzjoni, fuq bażi mhux diskriminatorja, din għandha timminimizza l-piż amministrattiv tal-proċeduri tal-approvazzjoni għat-trasportaturi bl-ajru.

## ARTIKOLU 9

### Taxxi u dazji doganali

1. Meta jaslu fit-territorju ta' waħda mill-partijiet kontraenti, inġenji tal-ajru li jitħaddmu mit-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra għas-servizz tal-ajru internazzjonali, it-tagħmir regolari tagħhom, il-karburant, il-lubrikanti, il-provvisti tekniċi konsumibbli, it-tagħmir ta' fuq l-art, l-ispare parts (inklużi l-magni), il-provvisti ta' fuq l-inġenji tal-ajru (b'mod partikolari l-oġġetti bħall-ikel, ix-xorb u x-xorb alkoħoliku, it-tabakk u l-prodotti l-oħrajn maħsubin biex jinbiegħu lill-passiġġieri jew biex dawn jużawhom fi kwantitajiet limitati waqt it-titjira), u oġġetti oħrajn maħsubin għal, jew użati biss b'rabta mat-tħaddim jew mal-manutenzjoni tal-inġenji tal-ajru li jkunu qed iwettqu servizz tal-ajru internazzjonali għandhom ikunu eżentati, fuq bażi reċiproka, mir-restrizzjonijiet kollha fuq l-importazzjoni, mit-taxxi fuq il-proprjetà u mid-dazji kapitali, mid-dazji doganali, mit-taxxi tas-sisa, u minn taxxi u imposti oħra simili li (a) jiġu imposti mill-awtoritajiet nazzjonali jew lokali jew mill-Unjoni Ewropea, u li (b) ma jkunux ibbażati fuq kemm jiswew is-servizzi pprovduti, dejjem jekk it-tali tagħmir u t-tali provvisti jibqgħu abbord l-inġenji tal-ajru.

2. Dawn li ġejjin għandhom ikunu eżentati wkoll, fuq bażi reċiproka, mit-taxxi, mill-imposti, mid-dazji, mill-miżati u mill-ħlasijiet imsemmijin fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, ħlief għall-ħlasijiet ibbażati fuq kemm jiswa s-servizz ipprovdut:

(a) il-provvisti ta' fuq l-inġenji tal-ajru mdaħħlin jew fornuti fit-territorju ta' parti kontraenti u mtellgħin abbord, f'limiti raġonevoli, għall-użu fuq l-inġenji tal-ajru li jkunu se jitilqu u li jkunu ta' trasportatur tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra involuta fis-servizz tal-ajru internazzjonali, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ imwettqa fit-territorju msemmi;

(b) it-tagħmir ta' fuq l-art u l-ispare parts (b'mod partikolari l-magni) imdaħħlin fit-territorju ta' parti kontraenti għat-tiswija, għall-manutenzjoni jew għaż-żamma ta' inġenji tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra użati għas-servizz tal-ajru internazzjonali;

(c) il-karburant, il-lubrikanti u l-provvisti tekniċi konsumabbli mdaħħlin jew fornuti fit-territorju ta' parti kontraenti biex jintużaw f'inġenji tal-ajru ta' trasportatur tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra involuta fis-servizz tal-ajru internazzjonali, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ imwettqa fit-territorju msemmi;

(d) materjal stampat, kif imsemmi fil-liġijiet tad-dwana ta' kull parti kontraenti, imdaħħal jew fornut fit-territorju ta' parti kontraenti u mtella' abbord għall-użu fuq l-inġenji tal-ajru li jkunu se jitilqu u li jkunu ta' trasportatur tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra involuta fis-servizz tal-ajru internazzjonali, anke meta dawn il-provvisti jkunu se jintużaw waqt parti mill-vjaġġ imwettqa fit-territorju msemmi; u

(e) it-tagħmir tas-sikurezza u tas-sigurtà biex jintuża fl-ajruporti jew fit-terminali tal-merkanzija.

3. Minkejja kull dispożizzjoni oħra li tgħid mod ieħor, xejn f'dan il-ftehim ma għandu jżomm lil parti kontraenti milli timponi taxxi, imposti, dazji, miżati jew ħlasijiet fuq il-fjuwil

fornut fit-territorju tagħha fuq bażi mhux diskriminatorja biex jintuża f'inġenji tal-ajru ta' trasportatur bl-ajru li jopera bejn żewġ punti fit-territorju tagħha.

4. It-tagħmir normali tal-inġenji tal-ajru, kif ukoll il-materjali, il-provvisti u l-ispare parts imsemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu, li normalment jinżammu abbord l-inġenju tal-ajru mħaddem minn trasportatur tal-ajru ta' parti kontraenti jistgħu jinħattu fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra biss bl-approvazzjoni minn qabel tal-awtoritajiet doganali ta' dik il-parti kontraenti u jista' jkun hemm il-bżonn li jinżammu taħt is-superviżjoni jew il-kontroll ta' dawn l-istess awtoritajiet sa ma jerġgħu jiġu esportati jew inkella sa ma jiġu ċeduti f'konformità mar-regoli doganali fis-seħħ taż-żewġ partijiet kontraenti.

5. L-eżenzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu għandhom japplikaw ukoll f'każ li t-trasportaturi tal-ajru ta' parti kontraenti jkunu għamlu ftehim ma' trasportatur tal-ajru ieħor, li bħalhom ikun qed igawdi mill-eżenzjonijiet tal-parti kontraenti l-oħra, għas-self jew it-trasferiment tal-oġġetti speċifikati fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu fit-territorju tal-parti kontraenti l-oħra.

6. Xejn f'dan il-ftehim ma għandu jżomm lil kwalunkwe parti kontraenti milli timponi taxxi, dazji, miżati jew imposti fuq l-oġġetti mibjugħa lill-passiġġieri, minbarra dawk għall-konsum abbord, matul parti mis-servizz tal-ajru bejn żewġ punti fit-territorju tagħha li fihom in-nies jitħallew jitilgħu fuq l-ajruplan jew jinżlu minnu.

7. Il-bagalji u l-merkanzija fi tranżitu dirett minn parti għall-oħra tat-territorju ta' parti għandhom jiġu eżentati minn taxxi, dazji doganali, imposti u tariffi simili oħra li ma jkunux ibbażati fuq l-ispiża tas-servizz fornut.

8. It-tagħmir u l-provvisti msemmija fil-paragrafi 1 u 2 ta' dan l-Artikolu jistgħu jkunu meħtieġa jibqgħu taħt is-superviżjoni jew il-kontroll tal-awtoritajiet kompetenti.

9. Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim ma għandhomx jaffettwaw il-qasam tat-taxxa fuq il-valur miżjud (VAT), ħlief għall-VAT fuq l-importazzjonijiet.

10. Dan il-ftehim ma jaffettwax id-dispożizzjonijiet tal-konvenzjonijiet rispettivi li huma fis-seħħ bejn xi Stati Membri partikolari u t-Tuneżija biex tkun evitata t-tassazzjoni doppja fuq id-dħul u fuq il-kapital.

## ARTIKOLU 10

### Imposti fuq l-użu

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri applikabbli tagħhom jiżguraw, bħala minimu, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards relatati mat-trasport tal-ajru stabbiliti fil-Parti A tal-Anness II.

2. Kull parti kontraenti għandha tiżgura li l-imposti fuq l-użu li jistgħu jitolbu l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti tagħha mingħand it-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra għall-użu tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u tas-servizzi tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru, għandhom ikunu marbutin mal-ispejjeż u ma għandhomx ikunu diskriminatorji. F'kull każ, dawn l-imposti fuq l-użu għandhom jiġu applikati għat-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra skont termini li ma jkunux inqas favorevoli mit-termini l-aktar favorevoli disponibbli għal kwalunkwe trasportatur tal-ajru ieħor.

3. Kull parti kontraenti għandha tiżgura li l-imposti fuq l-użu li jistgħu jitolbu l-awtoritajiet jew korpi kompetenti tagħha mingħand it-trasportaturi tal-ajru tal-parti kontraenti l-oħra għall-użu tal-faċilitajiet jew tas-servizzi tal-ajruport u tas-sigurtà tal-avjazzjoni u tal-faċilitajiet u s-servizzi relatati, ħlief dazji miġbura għall-provvista tas-servizzi deskritti fl-Artikolu 8(5) (Attivitajiet kummerċjali) ta' dan il-ftehim, ikunu ġusti, raġonevoli, mhux diskriminatorji b'mod inġust, ma jiddiskriminawx abbażi tan-nazzjonalità u jitqassmu b'mod ekwu fost il-kategoriji tal-utenti. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 1(15) (Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru), dawn l-imposti jistgħu jirriflettu, imma ma għandhomx jaqbżu, l-ispiża sħiħa magħmula mill-awtoritajiet jew mill-korpi kompetenti li jagħmlu l-imposta biex jipprovdu l-faċilitajiet u s-servizzi x-xierqa tal-ajruport u tas-sigurtà tal-avjazzjoni f'dak l-ajruport jew fis-sistema ta' dak l-ajruport. Dawn l-imposti fuq l-użu jistgħu jinkludu qligħ raġonevoli fuq l-assi, wara d-deprezzament. Il-faċilitajiet u s-servizzi li fuqhom ikun hemm imposta fuq l-utenti għandhom ikunu pprovduti fuq bażi effiċjenti u ekonomika. F'kull każ, dawn l-imposti għandhom jiġu applikati għat-trasportaturi tal-ajru tal-Parti Kontraenti l-oħra skont termini li ma jkunux inqas favorevoli mit-termini l-aktar favorevoli disponibbli għal kwalunkwe trasportatur tal-ajru ieħor fiż-żmien meta dawn l-imposti jiġu stabbiliti.

4. Kull parti kontraenti għandha teħtieġ li l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti li jitolbu imposti fit-territorju tagħha u t-trasportaturi tal-ajru u/jew il-korpi rappreżentattivi tagħhom li jużaw is-servizzi u l-faċilitajiet jidħlu f'konsultazzjonijiet u jiskambjaw tali tagħrif li jista' jkun meħtieġ biex tkun tista' ssir analiżi preċiża dwar kemm ikunu raġonevoli l-imposti fuq l-użu skont il-prinċipji tal-paragrafi 2 u 3 ta' dan l-Artikolu. Kull parti kontraenti għandha tiżgura li l-awtoritajiet jew il-korpi kompetenti li jitolbu l-imposti jagħtu lill-utenti avviż raġonevoli rigward kwalunkwe proposta ta' bidliet fl-imposti fuq l-użu mill-utenti sabiex jippermettu li l-utenti jesprimu l-fehmiet tagħhom u li jressqu l-osservazzjonijiet tagħhom.

## ARTIKOLU 11

### Rati tal-passiġġieri u tan-nol

1. Il-partijiet kontraenti għandhom jippermettu l-iffissar ħieles tar-rati tal-passiġġieri u tan-nol mit-trasportaturi tal-ajru tal-partijiet kontraenti fuq il-bażi ta' kompetizzjoni ħielsa u ġusta.

2. Kull parti kontraenti tista' titlob, b'mod mhux diskriminatorju, li t-trasportaturi tal-ajru taż-żewġ partijiet kontraenti jinnotifikaw lill-awtoritajiet kompetenti tagħha, b'mod semplifikat u għal finijiet ta' informazzjoni biss, ir-rati offruti għas-servizzi li jitilqu mit-territorju tagħha. Din in-notifika tista' tintalab mit-trasportaturi tal-ajru mill-aktar fis matul l-ewwel offerta tar-rata tal-passiġġieri jew tan-nol.

3. Jistgħu jsiru diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet bħar-rekwiżiti u l-proċeduri għan-notifika tar-rati tal-passiġġieri u tan-nol kif ukoll dwar rati inġusti, mhux raġonevoli, diskriminatorji jew sussidjati.

## ARTIKOLU 12

## Statistika

1. Kull parti kontraenti għandha tipprovdi lill-parti kontraenti l-oħra, fuq bażi mhux diskriminatorja, l-istatistiċi disponibbli dwar is-servizzi tal-ajru operati taħt dan il-ftehim, kif meħtieġ mil-liġijiet u mir-regolamenti rispettivi taż-żewġ partijiet kontraenti, li jistgħu jkun raġonevolment mitluba.

2. Il-partijiet kontraenti għandhom jikkooperaw, b'mod partikolari fil-qafas tal-Kumitat Konġunt skont l-Artikolu 21 (Kumitat Konġunt) ta' dan il-ftehim, sabiex iħaffu l-iskambju bejniethom tal-informazzjoni statistika għall-fini tas-sorveljanza tal-iżvilupp tas-servizzi tal-ajru operati skont dan il-ftehim.

# TITOLU II

# KOOPERAZZJONI REGOLATORJA

## ARTIKOLU 13

### Sikurezza tal-avjazzjoni

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri applikabbli tagħhom jiżguraw, bħala minimu, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards relatati mat-trasport tal-ajru stabbiliti fil-Parti A tal-Anness II.

2. L-awtoritajiet kompetenti tal-partijiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu bħala validi, għall-finijiet tat-tħaddim tat-trasport bl-ajru pprovdut f'dan il-ftehim, ċertifikati tal-ajrunavigabbiltà, ċertifikati ta' kompetenza u liċenzji maħruġa jew ivvalidati mill-parti kontraenti l-oħra u li jkunu għadhom validi, sakemm ir-rekwiżiti li kienu jirregolaw il-validità ta' dawn iċ-ċertifikati jew liċenzji jkunu tal-inqas ekwivalenti jew superjuri għall-istandards minimi li jistgħu jkunu stabbiliti skont il-Konvenzjoni. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu, madankollu, jirrifjutaw li jirrikonoxxu bħala validi għall-finijiet tat-titjir fuq it-territorju tagħhom stess, ċertifikati ta' kompetenza u liċenzji mogħtija liċ-ċittadini tagħhom stess jew ivvalidati għalihom mill-awtoritajiet tal-parti l-oħra.

3. Kull parti kontraenti tista' titlob, fi kwalunkwe żmien, li jsiru konsultazzjonijiet dwar l-istandards tas-sikurezza miżmuma fis-seħħ mill-parti kontraenti l-oħra.

4. Il-Partijiet Kontraenti għandhom jiżguraw li meta inġenju tal-ajru rreġistrat f'Parti Kontraenti waħda li dwaru jkun hemm suspett li mhuwiex konformi mal-istandards internazzjonali dwar is-sikurezza fil-qasam tal-avjazzjoni stabbiliti skont il-Konvenzjoni jinżel f'ajruporti miftuħa għat-traffiku internazzjonali tal-ajru fit-territorju tal-Parti Kontraenti l-oħra, dan għandu jiġi soġġett għall-ispezzjonijiet fir-rampa li jsiru abbord jew madwar l-inġenju tal-ajru mill-awtoritajiet kompetenti tal-Parti Kontraenti l-oħra. Dawn l-ispezzjonijiet isiru biex ikunu vverifikati kemm il-validità tad-dokumenti tal-inġenju tal-ajru u tal-ekwipaġġ kif ukoll il-kundizzjonijiet viżibbli tal-inġenju tal-ajru u tat-tagħmir tiegħu.

5. L-awtoritajiet kompetenti ta' kull parti kontraenti jistgħu jieħdu l-miżuri kollha x-xierqa u fil-pront kull meta jkunu ċerti li:

a) inġenju tal-ajru, komponent tal-inġenju tal-ajru jew l-operat ta' inġenju tal-ajru jista' jonqos milli jilħaq l-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni jew fir-rekwiżiti regolatorji speċifikati fil-Parti B tal-Anness II ta' dan il-ftehim, skont liema minn dawn ikunu applikabbli,

b) ikun hemm tħassib serju li inġenju tal-ajru jew l-operat ta' inġenju tal-ajru jista' jonqos milli jilħaq l-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni jew fir-rekwiżiti regolatorji

speċifikati fil-Parti B tal-Anness II ta' dan il-ftehim, skont liema minn dawn ikunu applikabbli, jew

c) ikun hemm tħassib serju li l-istandards minimi stabbiliti fil-Konvenzjoni jew fir-rekwiżiti regolatorji speċifikati fil-Parti B tal-Anness II ta' dan il-ftehim, skont liema minn dawn ikunu applikabbli, ma jkunux jistgħu jinżammu jew jiġu applikati b'mod korrett.

6. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' parti kontraenti jieħdu azzjoni skont il-paragrafu 5, dawn għandhom jgħarrfu minnufih lill-awtoritajiet kompetenti tal-parti kontraenti l-oħra dwar it-teħid tat-tali azzjoni u jagħtu r-raġunijiet għal dan.

7. Kwalunkwe azzjoni meħuda minn waħda mill-partijiet kontraenti skont il-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu għandha tiġi mitmuma malli r-raġuni għall-azzjoni ma tibqax teżisti.

8. Meta l-miżuri meħuda biex jiġi applikat il-paragrafu 5 jissoktaw anke jekk il-bażi biex dawn jittieħdu ma tkunx għadha teżisti, kwalunkwe parti kontraenti tista' tirreferi din il-kwistjoni lill-Kumitat Konġunt.

## ARTIKOLU 14

## Sigurtà tal-avjazzjoni

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri applikabbli tagħhom jiżguraw, bħala minimu, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards relatati mat-trasport tal-ajru li jinsabu fil-Parti E tal-Anness II.

2. Waqt li jqisu bis-sħiħ u jirrispettaw is-sovranità rispettiva tagħhom, il-partijiet kontraenti jistgħu jaċċettaw li wieħed jew aktar mill-ajruporti tagħhom tista' ssirilhom żjara mill-parti kontraenti l-oħra b'konnessjoni mal-miżuri tas-sigurtà tal-avjazzjoni użati fihom. Il-partijiet kontraenti għandhom jistabbilixxu l-mekkaniżmi meħtieġa għall-iskambju tal-informazzjoni dwar ir-riżultati ta' dawn iż-żjarat.

3. Il-partijiet kontraenti jaffermaw mill-ġdid l-obbligi tagħhom lejn xulxin li jipprovdu għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali, u b'mod partikolari l-obbligi tagħhom skont il-Konvenzjoni, il-Konvenzjoni dwar ir-Reati u Ċerti Atti Oħra Mwettqa Abbord Inġenji tal-Ajru, iffirmata f'Tokyo fl-14 ta' Settembru 1963, il-Konvenzjoni dwar it-Trażżin tal-Ħtif Illegali tal-Inġenji tal-Ajru, iffirmata f'The Hague fis-16 ta' Diċembru 1970, il-Konvenzjoni dwar it-Trażżin ta' Atti Illegali kontra s-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili, iffirmata f'Montreal fit-23 ta' Settembru 1971, il-Protokoll għat-Trażżin ta' Atti Illegali ta' Vjolenza f'Ajruporti li Jservu l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, iffirmat f'Montreal fl-24 ta' Frar 1988 u l-Konvenzjoni dwar l-Immarkar ta' Splussivi tal-Plastik għall-Fini ta' Skoperta ffirmata f'Montreal fl-1 ta' Marzu 1991, safejn iż-żewġ partijiet kontraenti huma firmatarji ta' dawn il-konvenzjonijiet, kif ukoll tal-konvenzjonijiet u l-protokolli l-oħra kollha relatati mas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili li ż-żewġ partijiet kontraenti huma firmatarji tagħhom.

4. Fuq talba, il-partijiet kontraenti għandhom jagħtu l-għajnuna kollha meħtieġa lil xulxin biex ikunu evitati atti ta' ħtif illegali ta' inġenji tal-ajru ċivili u atti illegali oħrajn kontra s-sikurezza ta' dawn l-inġenji tal-ajru, il-passiġġieri u l-ekwipaġġ tagħhom, l-ajruporti u l-faċilitajiet tan-navigazzjoni bl-ajru, u kwalunkwe theddida oħra li jista' jkun hemm għas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.

5. Fir-relazzjonijiet reċiproki tagħhom, il-partijiet kontraenti għandhom jaġixxu b'mod li jkun konformi mal-istandards tas-sigurtà tal-avjazzjoni u, safejn huma japplikawhom, mal-prattiki rrakkomandati u stabbiliti mill-ICAO u li jidhru bħala annessi għall-Konvenzjoni ta' Chicago, safejn dawn id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà jkunu japplikaw għall-partijiet kontraenti. Iż-żewġ partijiet kontraenti għandhom jitolbu lill-operaturi tal-inġenji tal-ajru tar-reġistru tagħhom, lill-operaturi li jkollhom il-post prinċipali tan-negozju tagħhom jew ir-residenza permanenti tagħhom fit-territorju tagħhom u lill-operaturi tal-ajruporti fit-territorju tagħhom, biex ikunu konformi ma' dawn id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni.

6. Kull parti kontraenti għandha tiżgura li jiġu applikati miżuri b'mod effettiv fit-territorju tagħha biex tipproteġi l-avjazzjoni ċivili kontra atti ta' interferenza illegali, inklużi, iżda mhux biss, l-iskrinjar tal-passiġġieri u tal-bagalji tal-kabina tagħhom, l-iskrinjar tal-bagalji tal-istiva, l-eżaminazzjoni u l-kontrolli tas-sigurtà tal-persuni li ma jkunux passiġġieri, inkluż l-ekwipaġġ, kif ukoll tal-oġġetti li jkunu qed iġorru, l-eżaminazzjoni u l-kontrolli tas-sigurtà tal-merkanzija, tal-posta, tal-provvisti ta' fuq l-inġenji tal-ajru u tal-provvisti għall-ajruporti u l-kontroll tal-aċċess għan-naħa tal-ajru u taż-żoni ristretti ta' sigurtà. Dawn il-miżuri huma adattati biex jittrattaw l-aggravazzjoni tat-theddida għas-sigurtà tal-avjazzjoni. Kull parti kontraenti taqbel li l-operaturi tal-inġenji tal-ajru tagħha jistgħu jintalbu jħarsu d-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni msemmija fil-paragrafu 5 ta' dan l-Artikolu u dispożizzjonijiet oħra dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni li l-parti kontraenti l-oħra timponi fuq id-dħul fit-territorju, il-ħruġ mit-territorju jew il-waqfa fuq it-territorju ta' dik il-parti kontraenti l-oħra.

7. Waqt li tqis bis-sħiħ u tirrispetta s-sovranità tal-parti kontraenti l-oħra, parti kontraenti tista' tadotta miżuri ta' sigurtà fir-rigward tad-dħul fit-territorju tagħha, kif ukoll miżuri ta' emerġenza, bil-għan li tittratta theddida speċifika għas-sigurtà, li għandha tiġi kkomunikata mingħajr dewmien lill-parti kontraenti l-oħra. Kull parti kontraenti għandha tikkunsidra b'mod favorevoli kwalunkwe talba mill-parti kontraenti l-oħra għal miżuri speċjali ta' sigurtà raġonevoli biex tiffaċċja theddida partikolari, u l-ewwel parti kontraenti għandha tqis il-miżuri ta' sigurtà diġà fis-seħħ tal-parti kontraenti l-oħra u tal-perspettiva espressa minn din tal-aħħar. Madankollu, kull parti kontraenti għandha tirrikonoxxi li ebda dispożizzjoni ta' dan l-Artikolu ma għandha tillimita l-possibbiltà, għal xi parti kontraenti, li tiċħad l-aċċess għat-territorju tagħha għal kull titjira li tqis li tkun ta' theddida għas-sigurtà tagħha. Bl-eċċezzjoni ta' fejn ma jkunx possibbli b'mod raġonevoli u f'każ ta' emerġenza, kull parti kontraenti għandha tinforma lill-parti l-oħra bil-quddiem bi kwalunkwe miżura ta' sigurtà speċjali li tkun biħsiebha tintroduċi u li jista' jkollha impatt finanzjarju jew operazzjonali sinifikanti fuq is-servizzi tat-trasport tal-ajru pprovduti skont dan il-ftehim. Kull parti kontraenti tista' titlob laqgħa tal-Kumitat Konġunt biex jiġu diskussi miżuri ta' sigurtà bħal dawn, kif ipprovdut fl-Artikolu 21 (Kumitat Konġunt) ta' dan il-ftehim.

8. Meta jkun hemm att jew meta jkun hemm theddida ta' att ta' ħtif illegali ta' inġenju tal-ajru ċivili jew atti illegali oħrajn kontra s-sikurezza ta' dak l-inġenju tal-ajru, tal-passiġġieri u tal-ekwipaġġ tiegħu, tal-ajruporti jew tal-faċilitajiet tan-navigazzjoni bl-ajru, il-partijiet kontraenti għandhom jgħinu lil xulxin billi jiffaċilitaw il-komunikazzjoni u l-miżuri x-xierqa l-oħra maħsubin biex itemmu malajr u bla periklu t-tali inċident jew it-theddida tat-tali inċident.

9. Kull parti kontraenti għandha tieħu l-miżuri kollha li tqis li jkunu prattikabbli biex tiżgura li inġenju tal-ajru li jkun soġġett għal att ta' ħtif illegali jew għal atti oħrajn ta' interferenza illegali u li jkun qiegħed fuq l-art fit-territorju tagħha jinżamm fuq l-art sakemm it-tluq tiegħu ma jkunx meħtieġ mid-dmir iktar importanti li titħares il-ħajja tal-bniedem. Kull meta jkun prattiku, dawk il-miżuri għandhom jittieħdu abbażi ta' konsultazzjonijiet reċiproki.

10. Meta parti kontraenti jkollha raġunijiet biżżejjed biex temmen li l-parti kontraenti l-oħra ma tkunx segwiet id-dispożizzjonijiet dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni mogħtija f'dan l-Artikolu, dik il-parti kontraenti għandha titlob li jsiru konsultazzjonijiet immedjati mal-parti kontraenti l-oħra.

11. Mingħajr ħsara għall-Artikolu 4 (Rifjut, revoka, sospensjoni u limitazzjoni tal-awtorizzazzjonijiet) ta' dan il-ftehim, in-nuqqas li jintlaħaq ftehim sodisfaċenti fi żmien (15) ħmistax-il ġurnata mid-data ta' din it-talba, għandu jikkostitwixxi raġunijiet biex jiġu rrifjutati, revokati, limitati jew jiġu imposti kundizzjonijiet fuq l-awtorizzazzjoni tal-operat ta' trasportatur tal-ajru wieħed jew aktar ta' tali parti oħra.

12. F'każ ta' theddida immedjata jew straordinarja, parti kontraenti tista' tieħu azzjoni temporanja qabel ma jiskadi l-perjodu ta' ħmistax-il (15) ġurnata mill-perjodu msemmi fil-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu.

13. Kwalunkwe azzjoni li tittieħed skont il-paragrafu 11 ta' dan l-Artikolu għandha titwaqqaf hekk kif il-parti l-oħra tikkonforma ruħha mad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Artikolu.

## ARTIKOLU 15

## Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I għal dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li, bħala minimu, il-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri applikabbli tagħhom jiżguraw l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards tat-trasport tal-ajru elenkati fil-Parti D tal-Anness II ta' dan il-ftehim, u f'oqsma li mhumiex koperti mill-qafas regolatorju tal-Unjoni Ewropea, il-proċeduri tal-ICAO għas-servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru, taħt il-kundizzjonijiet indikati hawn taħt.

2. Il-partijiet kontraenti għandhom jintrabtu li jiżguraw l-ogħla grad ta' kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, bil-ħsieb li jestendu l-Ajru Uniku Ewropew għat-Tuneżija, sabiex isaħħu l-istandards preżenti tas-sikurezza u l-effiċjenza ġenerali tat-traffiku tal-ajru fl-Ewropa, sabiex jisfruttaw il-kapaċitajiet u sabiex inaqqsu kemm jista' jkun id-

dewmien. Għal dan il-għan, it-Tuneżija għandha tkun involuta fil-Kumitat dwar l-Ajru Uniku Ewropew bħala osservatriċi. Il-Kumitat Konġunt għandu jkun responsabbli mill-monitoraġġ u mill-iffaċilitar tal-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru.

3. Sabiex jiffaċilitaw il-kisba tal-objettivi tal-Ajru Uniku Ewropew fuq it-territorji tagħhom:

(a) it-Tuneżija għandha tieħu l-miżuri meħtieġa biex tadatta s-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru tagħha u l-istrutturi istituzzjonali u superviżorji tagħha għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru skont l-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari fil-qasam tas-sikurezza tal-ajru;

(b) it-Tuneżija, b'mod partikolari, għandha tistabbilixxi awtorità ta' kontroll nazzjonali rilevanti li tal-inqas tkun funzjonalment indipendenti mill-fornitur(i) tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru;

(c) l-Unjoni Ewropea għandha ssieħeb lit-Tuneżija mal-inizjattivi rilevanti tal-operat fl-oqsma tas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru, tal-ispazju tal-ajru u tal-interoperabbiltà li ġejjin mill-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari permezz:

i). tal-kooperazzjoni mat-Tuneżija jew permezz tal-assoċjazzjoni tat-Tuneżija ma' blokk ta' spazju tal-ajru funzjonali;
ii). tal-parteċipazzjoni fil-funzjonijiet tan-netwerk tal-Ajru Uniku Ewropew, b'mod partikolari l-iskambju ta' data dwar il-flussi tat-traffiku;
iii). tal-allinjament mal-pjanijiet ta' mobilizzazzjoni tas-SESAR;
iv). tat-tisħiħ tal-interoperabbiltà; u

(d) il-partijiet kontraenti għandhom jikkooperaw fil-qasam tal-Iskema ta' Prestazzjoni tal-Unjoni Ewropea bil-għan li jtejbu l-effiċjenza ġenerali tat-titjiriet, li jnaqqsu l-ispejjeż u li jtejbu s-sikurezza u l-kapaċità tas-sistemi eżistenti. Il-kooperazzjoni għandha tinkludi b'mod partikolari għodod għas-segwitu tal-indikaturi tal-prestazzjoni u l-użu ta' għodod għall-ġestjoni u għat-tfassil tal-ispazju tal-ajru.

## ARTIKOLU 16

### Ħarsien tal-ambjent

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri applikabbli tagħhom jiżguraw, bħala minimu, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards relatati mat-trasport tal-ajru li jinsabu fil-Parti E tal-Anness II.

2. Il-partijiet kontraenti għandhom jappoġġjaw il-ħtieġa li jipproteġu l-ambjent billi jippromwovu l-iżvilupp sostenibbli tal-avjazzjoni. Il-partijiet kontraenti biħsiebhom jikkooperaw biex jidentifikaw il-kwistjonijiet relatati mal-impatt tal-avjazzjoni fuq l-ambjent.

3. Il-partijiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu l-importanza li jaħdmu flimkien biex jistudjaw u jimminimizzaw l-effetti tal-avjazzjoni fuq l-ambjent f'konformità mal-għanijiet ta' dan il-ftehim.

4. Il-partijiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu l-importanza tal-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima u għaldaqstant ukoll tal-ġlieda kontra l-emissjonijiet tal-gassijiet serra (GES) relatati mal-avjazzjoni, kemm fil-livell nazzjonali kif ukoll f'dak internazzjonali. Il-partijiet kontraenti għandhom jaqblu li jintensifikaw il-kooperazzjoni dwar dawn il-kwistjonijiet, inkluż permezz ta' ftehimiet multilaterali rilevanti, b'mod partikolari l-implimentazzjoni ta' miżuri komprensivi bbażati fuq is-suq kif miftiehem fid-39 Assemblea tal-ICAO, u bl-użu tal-mekkaniżmu ta' żvilupp sostenibbli stabbilit bl-Artikolu 6.4 tal-Ftehim ta' Pariġi taħt il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima għall-iżvilupp ta' miżuri internazzjonali u globali bbażati fuq is-suq biex jitnaqqsu l-emissjonijiet GES fis-settur tal-avjazzjoni u kwalunkwe aspett ieħor previst fl-Artikolu 6 li jkun ta' interess partikolari għall-emissjonijiet mill-avjazzjoni internazzjonali.

5. Il-partijiet kontraenti għandhom jimpenjaw ruħhom li jiskambjaw informazzjoni u jżommu djalogu regolari bejn l-esperti, bil-għan li tittejjeb il-kooperazzjoni biex jiġi limitat l-impatt ambjentali tal-avjazzjoni, inkluż permezz ta':

(a) riċerka u żvilupp ta' teknoloġiji ajrunawtiċi li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent;

(b) l-innovazzjoni fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru biex jitnaqqsu l-effetti tal-avjazzjoni fuq l-ambjent;

(c) riċerka u żvilupp ta' karburanti ġodda u sostenibbli għall-avjazzjoni;

(d) skambju ta' fehmiet dwar kwistjonijiet relatati mal-effetti ambjentali tal-avjazzjoni u mat-tnaqqis tal-emissjonijiet tas-settur tal-avjazzjoni li għandhom impatt fuq il-klima; u

(e) il-mitigazzjoni u l-monitoraġġ fuq l-istorbju biex jitnaqqas l-impatt tal-avjazzjoni fuq l-ambjent.

6. Il-partijiet kontraenti għandhom jimpenjaw ruħhom ukoll, b'rispett għad-drittijiet u għall-obbligi tagħhom taħt impenji ambjentali multilaterali, biex isaħħu b'mod effettiv il-kooperazzjoni, b'mod partikolari dik finanzjarja u teknoloġika, dwar miżuri maħsuba biex inaqqsu l-emissjonijiet ta' GES mill-avjazzjoni internazzjonali.

7. Il-partijiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu l-ħtieġa li jieħdu miżuri xierqa biex jipprevjenu jew jittrattaw l-effetti tal-avjazzjoni fuq l-ambjent, sakemm dawn il-miżuri jkunu kompletament kompatibbli mad-drittijiet u mal-obbligi tagħhom skont il-liġi internazzjonali.

## ARTIKOLU 17

### Responsabbiltà tat-trasportaturi tal-ajru

Il-partijiet kontraenti għandhom jaffermaw mill-ġdid l-obbligi tagħhom skont il-konvenzjonijiet internazzjonali rratifikati miż-żewġ partijiet kontraenti.

## ARTIKOLU 18

### Protezzjoni tal-konsumaturi

Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri applikabbli tagħhom jiżguraw, bħala minimu, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards relatati mat-trasport tal-ajru stabbiliti fil-Parti F tal-Anness II.

## ARTIKOLU 19

### Aspetti soċjali

1. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji stabbiliti fl-Anness I ta' dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom jiżguraw li l-liġijiet, ir-regolamenti jew il-proċeduri applikabbli tagħhom jiżguraw, bħala minimu, l-implimentazzjoni u l-infurzar tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards relatati mat-trasport tal-ajru stabbiliti fil-Parti G tal-Anness II.

2. Il-partijiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu l-importanza li jeżaminaw l-effetti ta' dan il-ftehim fuq il-ħaddiema, l-impjieg u l-kundizzjonijiet tax-xogħol. Il-partijiet kontraenti għandhom jimpenjaw ruħhom li jikkooperaw dwar il-kwistjonijiet relatati mal-impjieg li huma koperti b'dan il-ftehim, b'mod partikolari dwar l-effetti fuq l-impjieg, id-drittijiet fundamentali tax-xogħol, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, il-protezzjoni soċjali u d-djalogu soċjali.

3. Permezz tal-liġijiet, tar-regolamenti u tal-prattiki tagħhom, il-partijiet kontraenti għandhom jippromwovu livelli għolja ta' protezzjoni fil-qasam soċjali u f'dak tal-impjiegi fis-settur tal-avjazzjoni ċivili.

4. Il-partijiet kontraenti għandhom jirrikonoxxu l-importanza tal-benefiċċji li joħolqu vantaġġi ekonomiċi sinifikanti, li jirriżultaw mill-eżistenza ta' swieq miftuħa u kompetittivi, flimkien ma' standards għoljin tax-xogħol għall-ħaddiema. Il-partijiet kontraenti għandhom jimplimentaw dan il-ftehim b'tali mod li jippromwovu standards għoljin tax-xogħol, irrispettivament mis-sjieda jew min-natura tat-trasportaturi tal-ajru kkonċernati, u għandhom jiżguraw li d-drittijiet u l-prinċipji stabbiliti fil-liġijiet rispettivi tagħhom ma jiġux kompromessi iżda implimentati b'mod effettiv.

5. Il-partijiet kontraenti għandhom jimpenjaw ruħhom li jippromwovu u jimplimentaw b'mod effettiv, fil-liġijiet u fil-prattiċi tagħhom, standards fundamentali tax-xogħol rikonoxxuti internazzjonalment, bħal dawk li jinsabu fil-konvenzjonijiet fundamentali tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol u li ġew irratifikati mit-Tuneżija u mill-Istati Membri tal-UE.

6. Il-partijiet kontraenti għandhom jintrabtu li jippromwovu wkoll standards u ftehimiet oħrajn rikonoxxuti internazzjonalment fil-qasam soċjali u fil-qasam tax-xogħol u li jkunu rilevanti għas-settur tal-avjazzjoni ċivili, u l-implimentazzjoni u l-infurzar effettiv tagħhom fil-leġiżlazzjoni nazzjonali tagħhom.

7. Kull parti kontraenti tista' titlob li tissejjaħ laqgħa tal-Kumitat Konġunt biex tikkunsidra kwistjonijiet relatati mal-impjieg li tqis bħala importanti.

## TITOLU III

## DISPOŻIZZJONIJIET ISTITUZZJONALI

### ARTIKOLU 20

### Interpretazzjoni u implimentazzjoni

1. Il-partijiet kontraenti għandhom jieħdu l-miżuri xierqa kollha, kemm jekk ikunu ġenerali kif ukoll speċifiċi, sabiex jiżguraw li jintlaħqu l-obbligi li joriġinaw minn dan il-ftehim u għandhom jevitaw kwalunkwe miżura li tipperikola b'xi mod il-kisba tal-għanijiet ta' dan il-ftehim.

2. Kull parti kontraenti għandha tkun responsabbli fit-territorju tagħha mill-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-ftehim.

3. Kull parti kontraenti għandha tagħti lill-parti kontraenti l-oħra t-tagħrif u l-għajnuna kollha meħtieġa, soġġett għar-regolamenti applikabbli tal-parti kontraenti kkonċernata, fil-każ ta' investigazzjonijiet dwar ksur possibbli ta' regolamenti li dik il-parti kontraenti l-oħra tkun qed twettaq skont il-kompetenzi rispettivi tagħha kif ipprovdut f'dan il-ftehim.

4. Kull meta l-partijiet kontraenti jaġixxu skont is-setgħat li jagħtihom dan il-ftehim fuq kwistjonijiet li jkunu ta' interess għall-parti kontraenti l-oħra u li jkollhom x'jaqsmu mal-awtoritajiet jew mal-kumpaniji tal-parti kontraenti l-oħra, l-awtoritajiet kompetenti tal-parti kontraenti l-oħra għandhom ikunu infurmati bis-sħiħ u għandhom jingħataw l-opportunità li jikkummentaw qabel ma tittieħed deċiżjoni finali.

### ARTIKOLU 21

### Kumitat konġunt

1. Qiegħed jiġi stabbilit kumitat li huwa magħmul mir-rappreżentanti tal-partijiet kontraenti (minn hawn 'l quddiem imsejjaħ il-Kumitat Konġunt). Dan se jkollu f'idejh l-amministrazzjoni ta' dan il-ftehim u għandu jiżgura l-implimentazzjoni xierqa tiegħu. Għal dan il-għan, dan għandu jagħmel rakkomandazzjonijiet u jieħu deċiżjonijiet fil-każijiet imsemmija f'dan il-ftehim.

2. Il-Kumitat Konġunt iwettaq ix-xogħol tiegħu u jiddeċiedi fuq il-bażi ta' kunsens. Id-deċiżjonijiet tal-Kumitat Konġunt għandhom ikunu vinkolanti fuq il-partijiet kontraenti.

3. Il-Kumitat Konġunt għandu jadotta, b'deċiżjoni, ir-regoli tal-proċedura tiegħu.

4. Il-Kumitat Konġunt għandu jiltaqa' kif u meta meħtieġ, u tal-anqas darba fis-sena. Kull parti kontraenti tista' titlob biex issir laqgħa tal-Kumitat Konġunt.

5. Kull parti kontraenti tista' titlob li l-Kumitat Konġunt jiltaqa' biex ifittex soluzzjoni għal kwalunkwe kwistjoni marbuta mal-interpretazzjoni jew mal-applikazzjoni ta' dan il-ftehim. Laqgħa bħal din għandha tibda fl-eqreb data possibbli, iżda mhux iktar tard minn xahrejn (2) mid-data li fiha tkun waslet it-talba, sakemm il-partijiet kontraenti ma jiftehmux mod ieħor.

6. Għall-għanijiet tal-implimentazzjoni xierqa ta' dan il-ftehim, il-partijiet kontraenti għandhom ipartu t-tagħrif u, fuq talba ta' kwalunkwe waħda mill-partijiet kontraenti, għandhom iwettqu l-konsultazzjonijiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

7. Il-Kumitat Konġunt għandu jivvalida b'deċiżjoni l-evalwazzjoni magħmula mill-Unjoni Ewropea dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni mit-Tuneżija tar-rekwiżiti regolatorji u tal-istandards previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea, kif deskritti fil-punt 1 tal-Anness I ta' dan il-ftehim (dispożizzjonijiet tranżitorji).

8. Il-Kumitat Konġunt għandu jistħarreġ il-kwistjonijiet marbutin mal-investimenti fuq it-trasportaturi tal-ajru tal-partijiet kontraenti u mal-bidliet fil-kontroll effettiv tat-trasportaturi tal-ajru tal-partijiet kontraenti.

9. Il-Kumitat Konġunt għandu jiżviluppa wkoll il-kooperazzjoni, b'mod partikolari bil-mezzi li ġejjin, mingħajr ma din il-lista tkun eżawrjenti:

(a) billi jagħmel reviżjoni tal-kundizzjonijiet tas-suq li jkunu qed jaffettwaw is-servizzi tal-ajru skont dan il-ftehim;

(b) billi jwieġeb, biex jipprovdi soluzzjoni effettiva, għal kwistjonijiet li jkollhom x'jaqsmu mat-tmexxija ta' negozju u mal-opportunitajiet kummerċjali msemmija fl-Artikolu 8 (Attivitajiet kummerċjali) ta' dan il-ftehim, li jistgħu partikolarment jimpedixxu l-aċċess għas-suq u l-funzjonament bla xkiel tas-servizzi tal-ajru koperti minn dan il-ftehim, bħala mezz biex jiġu żgurati l-kompetizzjoni ġusta, l-approssimazzjoni regolatorja u t-tnaqqis tar-restrizzjonijiet regolatorji fuq l-operat tas-servizzi tal-ajru;

(c) billi jiskambja informazzjoni, inklużi bidliet fil-liġijiet, fir-regolamenti u fil-politiki tal-partijiet kontraenti rispettivi, li jistgħu jaffettwaw is-servizzi tal-ajru;

(d) billi jqis l-oqsma potenzjali li fihom dan il-ftehim jista' jkompli jiġi żviluppat, inkluża r-rakkomandazzjoni ta' emendi għal dan il-ftehim għall-kundizzjonijiet u għall-proċeduri tal-adeżjoni ta' partijiet oħra f'dan il-ftehim;

(e) billi jeżamina kwistjonijiet ġenerali relatati mal-investiment, mas-sjieda u mal-kontroll;

(f) billi jiżviluppa kooperazzjoni regolatorja u l-impenn reċiproku biex jinkisbu r-rikonoxximent reċiproku u l-approssimazzjoni tar-regoli u tal-miżuri;

(g) billi jrawwem il-konsultazzjoni, fejn ikun xieraq, dwar kwistjonijiet marbuta mat-trasport tal-ajru li jiġu ttrattati fi ħdan organizzazzjonijiet internazzjonali, f'relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi u fi ftehimiet multilaterali, inkluż bil-ħsieb li jitqies jekk għandux jiġi adottat approċċ konġunt;

(h) billi jiffaċilita l-iskambju ta' informazzjoni statistika bejniethom sabiex jiġi segwit l-iżvilupp tas-servizzi tal-ajru taħt dan il-ftehim; u

(i) billi jikkunsidra l-effetti soċjali tal-mod kif ikun qed jiġi implimentat il-ftehim u jfassal risposti adegwati għal tħassib li jirriżulta leġittimu.

10. Jekk il-Kumitat Konġunt ma jiddeċidix dwar kwistjoni li tkun tressqet quddiemu fi żmien sitt (6) xhur minn mindu tkun saret it-talba, il-partijiet kontraenti jistgħu jieħdu l-miżuri temporanji ta' salvagwardja li jkunu xierqa skont l-Artikolu 23 ta' dan il-ftehim (miżuri ta' salvagwardja).

11. Dan il-ftehim ma għandux ifixkel l-kooperazzjoni u d-diskussjonijiet bejn l-awtoritajiet kompetenti tal-partijiet kontraenti barra l-Kumitat Konġunt, b'mod partikolari fl-oqsma tas-sikurezza, tas-sigurtà, tal-ambjent, tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru, tal-infrastrutturi tal-ajruporti, tal-kompetizzjoni u tal-protezzjoni tal-konsumaturi. Il-partijiet kontraenti għandhom jinfurmaw lill-Kumitat Konġunt bir-riżultati ta' din il-kooperazzjoni u bid-diskussjonijiet li jista' jkollhom impatt fuq l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim.

## ARTIKOLU 22

### Soluzzjoni ta' tilwim u arbitraġġ

1. Kwalunkwe tilwima relatata mal-applikazzjoni jew mal-interpretazzjoni ta' dan il-ftehim, għajr kwistjonijiet li jaqgħu taħt l-Artikolu 7 (Kompetizzjoni ġusta) ta' dan il-ftehim, li ma tiġix solvuta mil-laqgħa tal-Kumitat Konġunt, tista' tiġi sottomessa lil persuna jew lil korp għal deċiżjoni bil-qbil tal-partijiet kontraenti. Fin-nuqqas ta' qbil tal-partijiet kontraenti, it-tilwima għandha, fuq talba ta' waħda minnhom, tiġi sottomessa għall-arbitraġġ skont il-proċeduri stabbiliti f'dan l-Artikolu.

2. It-talba għall-arbitraġġ għandha ssir bil-miktub lill-parti kontraenti l-oħra. Il-parti kontraenti li tkun ressqet l-ilment għandha tidentifika fit-talba tagħha l-miżura inkwistjoni u tispjega r-raġunijiet għaliex din tkun inkonsistenti mad-dispożizzjonijiet ta' dan il-ftehim, b'mod suffiċjenti biex tiġi stabbilita b'mod ċar il-bażi legali tal-ilment.

3. Sakemm il-partijiet kontraenti ma jiftehmux mod ieħor, l-arbitraġġ għandu jsir permezz ta' tribunal arbitrali magħmul minn tliet arbitri u kkostitwit kif ġej:

(a) fi żmien għoxrin (20) jum minn meta tirċievi talba għall-arbitraġġ, kull parti kontraenti għandha taħtar arbitru. Fi żmien tletin (30) jum wara l-ħatra ta' dawn iż-żewġ arbitri, dawn għandhom jaħtru bi ftehim komuni it-tielet arbitru li għandu jaġixxi bħala president tat-tribunal arbitrali;

(b) jekk waħda mill-partijiet kontraenti tonqos milli taħtar arbitru jew jekk it-tielet arbitru ma jinħatarx skont il-punt (a) ta' dan il-paragrafu, kwalunkwe parti kontraenti tista' titlob lill-President tal-Kunsill tal-ICAO biex jaħtar arbitru jew arbitri, skont il-każ, fi żmien tletin (30) jum minn meta jirċievi dik it-talba. Jekk il-President tal-Kunsill tal-ICAO jkun ċittadin tat-Tuneżija jew ta' Stat Membru, l-iktar Viċi President anzjan ta' dak il-Kunsill, li mhux eskluż għal din ir-raġuni, għandu jagħmel il-ħatra.

4. Id-data tat-twaqqif tat-tribunal tal-arbitraġġ hija d-data li fiha l-aħħar wieħed mit-tliet arbitri jkun aċċetta l-ħatra tiegħu

5. Jekk waħda mill-partijiet kontraenti titlob hekk, it-tribunal arbitrali għandu jiddeċiedi, fi żmien għaxart (10) ijiem wara t-twaqqif tiegħu, jekk jikkunsidrax li l-kwistjoni tkun urġenti.

6. Fuq talba ta' parti kontraenti, it-tribunal arbitrali jista' jordna lill-parti kontraenti l-oħra biex timplimenta miżuri temporanji ta' rimedju, sa ma tittieħed id-deċiżjoni finali.

7. It-tribunal arbitrali għandu jinnotifika lill-partijiet kontraenti b'rapport interim li jistabbilixxi s-sejbiet tal-fatti, l-applikabbiltà tad-dispożizzjonijiet rilevanti u r-raġunament bażiku għas-sejbiet u r-rakkomandazzjonijiet tiegħu, mhux aktar tard minn disgħin (90) jum wara d-data tat-twaqqif tiegħu. Jekk iqis li din l-iskadenza ma tkunx tista' tiġi rrispettata, il-president tat-tribunal arbitrali għandu jinforma bil-miktub lill-partijiet kontraenti u jispeċifika r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha t-tribunal ikun biħsiebu jressaq ir-rapport interim tiegħu. F'ebda każ ma għandu r-rapport interim jiġi nnotifikat aktar minn mija u għoxrin (120) jum wara d-data tat-twaqqif tat-tribunal.

8. Parti kontraenti tista' tressaq talba bil-miktub lit-tribunal arbitrali biex jirrevedi ċerti aspetti tar-rapport interim fi żmien erbatax-il (14) jum min-notifika tagħha.

9. F'każ ta' urġenza, it-tribunal arbitrali għandu jagħmel kull sforz biex iressaq ir-rapport interim tiegħu fi żmien ħamsa u erbgħin (45) jum u, fi kwalunkwe każ, mhux aktar tard minn sittin (60) jum wara d-data tal-implimentazzjoni tiegħu. Parti kontraenti tista' titlob bil-miktub lit-tribunal arbitrali biex jirrevedi ċerti aspetti speċifiċi tar-rapport interim fi żmien sebat (7) ijiem min-notifika tar-rapport imsemmi.

10. Wara li jkun ikkunsidra kwalunkwe kumment bil-miktub mingħand il-partijiet kontraenti dwar ir-rapport interim, it-tribunal arbitrali jista' jimmodifika r-rapport tiegħu u jagħmel eżami ulterjuri jekk iqis li dan ikun meħtieġ. Is-sejbiet tas-sentenza finali għandhom jinkludu diskussjoni xierqa tal-argumenti li jkunu saru fl-istadju tal-analiżi interim, u jwieġbu b'mod ċar il-mistoqsijiet u l-osservazzjonijiet tal-partijiet kontraenti.

11. It-tribunal arbitrali għandu jinnotifika d-deċiżjoni finali tiegħu lill-partijiet kontraenti fi żmien mija u għoxrin (120) jum mid-data tat-twaqqif tiegħu. Jekk iqis li din l-iskadenza ma tkunx tista' tiġi rrispettata, il-president tat-tribunal arbitrali għandu jinforma bil-miktub lill-partijiet kontraenti u jispeċifika r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha t-tribunal ikun biħsiebu jikkomunika d-deċiżjoni finali tiegħu. F'ebda każ ma għandha d-deċiżjoni finali tiġi nnotifikata aktar tard minn mija u ħamsin (150) jum wara d-data tat-twaqqif tat-tribunal arbitrali.

12. F'każ ta' urġenza, it-tribunal arbitrali għandu jipprova jieħu d-deċiżjoni finali tiegħu fi żmien sittin (60) jum mid-data meta jiġi mwaqqaf. Jekk iqis li din l-iskadenza ma tkunx tista' tiġi rrispettata, il-president tat-tribunal għandu jinforma bil-miktub lill-partijiet kontraenti u jispeċifika r-raġunijiet għad-dewmien u d-data li fiha t-tribunal ikun biħsiebu jikkomunika d-deċiżjoni finali tiegħu. F'ebda każ ma għandha d-deċiżjoni finali tingħata aktar tard minn ħamsa u sebgħin (75) jum wara d-data tat-twaqqif tat-tribunal arbitrali.

13. Il-partijiet kontraenti jistgħu jressqu talbiet għal spjegazzjoni tad-deċiżjoni finali fi żmien għaxart (10) ijiem min-notifika tagħha; kull spjegazzjoni għandha tingħata fi żmien ħmistax-il (15) jum wara t-talba.

14. Jekk it-tribunal arbitrali jqis li kien hemm ksur ta' dan il-ftehim u li l-parti kontraenti responsabbli tkun qed tonqos milli tikkonforma mad-deċiżjoni finali tat-tribunal, jew tkun qed tonqos milli tilħaq ftehim mal-parti kontraenti l-oħra dwar soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti fi żmien erbgħin (40) jum minn meta tiġi nnotifikata d-deċiżjoni finali tat-tribunal, il-parti kontraenti l-oħra tista' tissospendi l-applikazzjoni ta' benefiċċji komparabbli taħt dan il-ftehim, jew tista' tissospendi parzjalment jew, jekk ikun xieraq, kompletament, l-implimentazzjoni ta' dan il-ftehim sakemm il-parti kontraenti responsabbli tikkonforma mad-deċiżjoni finali tat-tribunal jew il-partijiet kontraenti jkunu laħqu ftehim dwar soluzzjoni reċiprokament sodisfaċenti.

## ARTIKOLU 23

## Miżuri ta' salvagwardja

1. Jekk waħda mill-partijiet kontraenti tqis li l-parti kontraenti l-oħra tkun naqset milli twettaq xi obbligu skont dan il-ftehim, din tista' tieħu l-miżuri li jkunu xierqa. Il-miżuri ta' salvagwardja għandhom ikunu limitati, fir-rigward tal-kamp ta' applikazzjoni u tat-tul tagħhom, għal dak li jkun strettament meħtieġ sabiex titranġa s-sitwazzjoni jew sabiex jinżamm il-bilanċ ta' dan il-ftehim. Għandha tingħata prijorità lil dawk il-miżuri li jfixklu l-inqas it-tħaddim ta' dan il-ftehim.

2. Kwalunkwe parti kontraenti li tkun qed tikkunsidra li tieħu miżuri ta' salvagwardja għandha tavża lill-parti kontraenti l-oħra permezz tal-Kumitat Konġunt u għandha tforni t-tagħrif rilevanti kollu.

3. Il-partijiet kontraenti għandhom jikkonsultaw minnufih lill-Kumitat Konġunt bil-għan li tinstab soluzzjoni aċċettabbli għal kulħadd.

4. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(1)(c) (Awtorizzazzjoni tal-operat) u l-Artikolu 4(1)(d) (Rifjut, revoka, sospensjoni jew limitazzjoni tal-awtorizzazzjoni) ta’ dan il-ftehim, il-parti kontraenti kkonċernata ma għandha tieħu ebda miżura ta’ salvagwardja qabel ma jkun għadda xahar mid-data tan-notifika skont il-paragrafu 2, sakemm il-proċedura ta’ konsultazzjoni skont il-paragrafu 3 ma tkunx intemmet qabel ma jkun skada l-limitu taż-żmien iddikjarat.

5. Il-parti kontraenti kkonċernata għandha tavża lill-Kumitat Konġunt dwar il-miżuri meħuda mingħajr dewmien u għandha tforni t-tagħrif rilevanti kollu.

6. Kwalunkwe azzjoni li tkun ittieħdet skont it-termini ta’ dan l-Artikolu għandha tiġi sospiża malli l-parti kontraenti inadempjenti tikkonforma mad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-ftehim.

## ARTIKOLU 24

## Rabta ma’ ftehimiet oħrajn

1. Dan il-ftehim għandu jipprevali fuq id-dispożizzjonijiet rilevanti ta’ ftehimiet u arranġamenti eżistenti bejn il-partijiet kontraenti fis-seħħ fiż-żmien tal-iffirmar ta’ dan il-ftehim, ħlief kif ipprovdut fil-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.

2. Sakemm ma jkun hemm ebda diskriminazzjoni bejn it-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea abbażi tan-nazzjonalità:

(a) id-drittijiet eżistenti tat-traffiku u d-dispożizzjonijiet jew it-trattamenti l-aktar favorevoli rigward is-sjieda, id-drittijiet tat-traffiku, il-kapaċità, il-frekwenzi, it-tip jew il-bidla ta’ inġenji tal-ajru, il-qsim tal-kodiċijiet u l-ipprezzar tat-tariffi tal-ftehimiet jew tal-arranġamenti bejn il-partijiet kontraenti, li jkunu fis-seħħ fi żmien l-iffirmar ta’ dan il-ftehim, li ma jkunux koperti minn dan il-ftehim jew li jkunu aktar favorevoli jew flessibbli f’termini ta’ libertà għat-trasportaturi tal-ajru kkonċernati milli huma fil-kuntest ta’ dan il-ftehim, jistgħu jibqgħu jiġu eżerċitati;

(b) tilwima bejn il-partijiet kontraenti dwar jekk id-dispożizzjonijiet jew it-trattamenti taħt il-ftehimiet jew l-arranġamenti bejn il-partijiet kontraenti jkunux iktar favorevoli jew flessibbli għandha tiġi solvuta fil-qafas tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim previst fl-Artikolu 22 (Soluzzjoni ta’ tilwim u arbitraġġ). It-tilwim dwar ir-relazzjoni li għandha tiġi stabbilita bejn dispożizzjonijiet jew trattamenti kontradittorji għandha tiġi ttrattata wkoll fil-qafas tal-mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim previst fl-Artikolu 22.

3. Jekk il-partijiet kontraenti jsiru firmatarji ta’ xi ftehim multilaterali jew japprovaw deċiżjoni adottata mill-ICAO jew minn xi organizzazzjoni internazzjonali oħra li tindirizza kwistjonijiet koperti minn dan il-ftehim, dawn għandhom jikkonsultaw ma’ xulxin fil-Kumitat Konġunt f’konformità mal-Artikolu 21 (Kumitat Konġunt) ta’ dan il-ftehim fi żmien xieraq sabiex jistabbilixxu jekk dan il-ftehim ikollux jiġi rrivedut fid-dawl ta’ din is-sitwazzjoni.

## ARTIKOLU 25

## Djalogu reġjonali

Il-partijiet kontraenti għandhom jintrabtu li jwettqu djalogu kontinwu sabiex jiżguraw li dan il-ftehim ikun koerenti mal-proċess ta’ Barċellona u għandhom jimmiraw li, fl-aħħar mill-aħħar, joħolqu żona komuni Ewro-Mediterranja tal-avjazzjoni. Għalhekk, fi ħdan il-Kumitat Konġunt għandha tkun diskussa l-possibbiltà li jsiru emendi, miftiehma b’mod reċiproku, sabiex jitqiesu ftehimiet Ewro-Mediterranji simili dwar l-Avjazzjoni, skont l-Artikolu 21(9) (Kumitat Konġunt).

## ARTIKOLU 26

## Emendi

1. Jekk waħda mill-partijiet kontraenti tkun tixtieq temenda d-dispożizzjonijiet ta’ dan il-ftehim, din għandha tavża lill-Kumitat Konġunt.

2. Kull emenda għal dan il-ftehim tista’ tiġi miftiehma mill-partijiet kontraenti wara konsultazzjonijiet magħmula skont l-Artikolu 21 (Kumitat Konġunt) ta’ dan il-ftehim. L-emendi għandhom jidħlu fis-seħħ skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 30 (Dħul fis-seħħ) ta’ dan il-Ftehim.

3. Il-Kumitat Konġunt jista’, fuq proposta li ssir minn waħda mill-partijiet kontraenti u skont dan l-Artikolu, jiddeċiedi li, b’kunsens, jimmodifika l-Annessi ta’ dan il-ftehim.

4. Dan il-ftehim ma għandux jaffettwa d-dritt ta’ kwalunkwe parti, soġġett għall-prinċipju tan-nondiskriminazzjoni u għad-dispożizzjonijiet ta’ dan il-ftehim, li tadotta b’mod unilaterali liġijiet ġodda jew temenda l-leġiżlazzjoni eżistenti tagħha dwar it-trasport tal-ajru jew dwar xi qasam relatat imsemmi fl-Anness II ta’ dan il-ftehim.

5. Meta parti kontraenti jew oħra tkun qed tikkunsidra li tadotta leġiżlazzjoni ġdida jew li temenda l-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-qasam tat-trasport tal-ajru jew f’xi qasam assoċjat imsemmi fl-Anness II ta’ dan il-ftehim, din għandha tinforma lill-parti kontraenti l-oħra, jekk dan ikun xieraq u safejn ikun possibbli. Fuq talba ta’ waħda mill-partijiet kontraenti, jista’ jsir skambju ta’ fehmiet fi ħdan il-Kumitat Konġunt.

6. Hekk kif parti kontraenti tkun adottat leġiżlazzjoni ġdida jew emenda għal-leġiżlazzjoni fis-seħħ fil-qasam tat-trasport tal-ajru jew f’xi qasam relatat imsemmi fl-Anness II li tista’ taffettwa t-tħaddim tajjeb ta’ dan il-ftehim, din għandha tgħarraf lill-parti kontraenti l-oħra sa mhux aktar tard minn tletin (30) jum wara li tkun adottataha jew emendatha. Fuq talba ta’ kwalunkwe parti kontraenti, il-Kumitat Konġunt għandu, fi żmien sittin (60) jum, iwettaq skambju tal-ideat dwar l-implikazzjonijiet li din il-leġislazzjoni jew l-emenda l-ġdida jista’ jkollha fuq it-tħaddim tajjeb ta’ dan il-ftehim.

7. Wara li jsir l-iskambju tal-ideat imsemmi fil-paragrafu 6 t'hawn fuq, il-Kumitat Konġunt għandu:

(a) jadotta deċiżjoni li tirrevedi l-Anness II ta' dan il-ftehim biex jintegra fih, jekk ikun meħtieġ fuq bażi ta' reċiproċità, il-leġiżlazzjoni jew l-emenda l-ġdida kkonċernata;

(b) jadotta deċiżjoni fis-sens li l-leġiżlazzjoni jew l-emenda l-ġdida kkonċernata għandha titqies bħala konformi ma' dan il-ftehim; jew

(c) jirrakkomanda kwalunkwe miżura oħra li għandha tiġi adottata f'perjodu ta' żmien raġonevoli biex jiġi salvagwardjat it-tħaddim xieraq ta' dan il-ftehim.

## ARTIKOLU 27

## Terminazzjoni

Kull parti kontraenti tista', f'kull waqt, tibgħat avviż bil-miktub permezz ta' mezzi diplomatiċi lill-parti kontraenti l-oħra dwar id-deċiżjoni tagħha li ttemm dan il-ftehim. Tali avviż għandu jintbagħat b'mod simultanju lill-ICAO u lis-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti. Dan il-ftehim għandu jiġi tterminat f'nofsillejl GMT fi tmiem l-istaġun tat-traffiku tal-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru (IATA) li jkun għaddej, sena wara d-data tal-avviż ta' terminazzjoni bil-miktub, sakemm l-avviż ma jiġix irtirat bi qbil bejn il-partijiet kontraenti qabel it-tmiem ta' dan il-perjodu.

## ARTIKOLU 28

## Reġistrazzjoni tal-ftehim

Dan il-ftehim u l-emendi kollha tiegħu għandhom jiġu rreġistrati mal-ICAO, f'konformità mal-Artikolu 83 tal-Konvenzjoni, u mas-Segretarjat tan-Nazzjonijiet Uniti, f'konformità mal-Artikolu 102 tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, wara d-dħul fis-seħħ tagħhom.

## ARTIKOLU 29

## Adeżjoni ta' Stati Membri ġodda fl-Unjoni Ewropea

1. Dan il-ftehim jista' jinfetaħ għall-adeżjoni minn Stati li jkunu saru Stati Membri tal-Unjoni Ewropea wara d-data tal-iffirmar tal-ftehim

2. L-adeżjoni għall-ftehim minn Stat Membru tal-Unjoni Ewropea għandha ssir bid-depożitu ta' Att tal-Adeżjoni lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-UE, li għandu jinnotifika lill-Partijiet u lill-Kummissjoni Ewropea bid-depożitu ta' att tal-adeżjoni u bid-data tiegħu. L-adeżjoni tidħol fis-seħħ 30 jum wara d-data tad-depożitu tal-Att tal-Adeżjoni.

3. L-Artikolu 24, paragrafi 1 u 2, ta'dan il-ftehim għandhom japplikaw mutatis mutandis għall-ftehimiet u għall-arranġamenti eżistenti li jkunu fis-seħħ fiż-żmien tal-adeżjoni ta' Stat Membru tal-Unjoni Ewropea.

## ARTIKOLU 30

### Dħul fis-seħħ

Dan il-ftehim għandu jidħol fis-seħħ xahar wara d-data tal-aħħar nota fi skambju ta' noti diplomatiċi bejn il-partijiet li tikkonferma li l-proċeduri kollha meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim tlestew. Għall-finijiet ta' dan l-iskambju, it-Tuneżija għandha twassal lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea n-nota diplomatika tagħha lill-Unjoni Ewropea u lill-Istati Membri tagħha, u s-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jwassal lit-Tuneżija n-nota diplomatika tiegħu mingħand l-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha. In-nota diplomatika mill-Unjoni Ewropea u mill-Istati Membri tagħha għandha tinkludi komunikazzjonijiet minn kull Stat Membru li jikkonfermaw li l-proċeduri tagħhom meħtieġa għad-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim tlestew.

B'xhieda ta' dan, il-firmatarji t'hawn taħt, awtorizzati kif xieraq, iffirmaw dan il-ftehim.

Magħmul fi [...] fil-[...] fis-sena [...], f'żewġ kopji, bil-Bulgaru, bil-Kroat, biċ-Ċek, bid-Daniż, bl-Olandiż, bl-Ingliż, bl-Estonjan, bil-Finlandiż, bil-Franċiż, bil-Ġermaniż, bil-Grieg, bl-Ungeriż, bl-Irlandiż, bit-Taljan, bil-Latvjan, bil-Litwan, bil-Malti, bil-Pollakk, bil-Portugiż, bir-Rumen, bis-Slovakk, bis-Sloven, bl-Ispanjol, bl-Iżvediż u bl-Għarbi, b'kull test ikun ugwalment awtentiku.

Għar-Repubblika tat-Tuneżija

Għall-Unjoni Ewropea

Għar-Renju tal-Belġju

Għar-Repubblika tal-Bulgarija

Għar-Repubblika Ċeka

Għar-Renju tad-Danimarka

Għar-Repubblika Federali tal-Ġermanja

Għar-Repubblika tal-Estonja

Għall-Irlanda

Għar-Repubblika Ellenika

Għar-Renju ta' Spanja

Għar-Repubblika Franċiża

Għar-Repubblika tal-Kroazja

Għar-Repubblika Taljana

Għar-Repubblika ta' Ċipru

Għar-Repubblika tal-Latvja

Għar-Repubblika tal-Litwanja

Għall-Gran Dukat tal-Lussemburgu

Għall-Ungerija

Għal Malta

Għar-Renju tan-Netherlands

Għar-Repubblika tal-Awstrija

Għar-Repubblika tal-Polonja

Għar-Repubblika Portugiża

Għar-Rumanija

Għar-Repubblika tas-Slovenja

Għar-Repubblika Slovakka

Għar-Repubblika tal-Finlandja

Għar-Renju tal-Iżvezja

ANNESS I

DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI

1. L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni mit-Tuneżija tar-rekwiżiti u tal-istandards regolatorji previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-trasport tal-ajru stabbiliti fl-Anness II ta' dan il-ftehim għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea, li għandha tiġi vvalidata b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Din l-evalwazzjoni għandha titwettaq mhux aktar tard minn sentejn (2) wara d-dħul fis-seħħ tal-ftehim.

2. L-approssimazzjoni progressiva tat-Tuneżija lejn l-implimentazzjoni tar-rekwiżiti u tal-istandards regolatorji previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar it-trasport tal-ajru stabbiliti fl-Anness II ta' dan il-ftehim tista' tkun soġġetta għal evalwazzjonijiet regolari. Il-valutazzjonijiet għandhom jitwettqu mill-Kummissjoni Ewropea f'kooperazzjoni mat-Tuneżija.

3. L-implimentazzjoni u l-applikazzjoni mit-Tuneżija tar-rekwiżiti u tal-istandards regolatorji previsti mil-leġiżlazzjoni tal-Unjoni Ewropea dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni għandhom ikunu soġġetti għal evalwazzjoni taħt ir-responsabbiltà tal-Unjoni Ewropea, li għandha tiġi vvalidata b'deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt. Din l-evalwazzjoni għandha titwettaq mhux aktar tard minn tliet (3) snin wara d-dħul fis-seħħ ta' dan il-ftehim.

4. Id-dispożizzjonijiet li jinsabu fil-paragrafu 6 (Għotjiet u sussidji pubbliċi) tal-Artikolu 7 (Kompetizzjoni Ġusta) għandhom japplikaw tliet (3) snin wara d-data tal-iffirmar ta' dan il-ftehim.

# ANNESS Ia

## Dispożizzjonijiet tranżitorji relatati mal-ajruport internazzjonali Tunis-Carthage

Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 2(3)(c) tal-ftehim, l-Ajruport Internazzjonali ta' Tunis-Carthage għandu jkun soġġett għad-dispożizzjonijiet tranżitorji li ġejjin għal perjodu ta' ħames snin mid-data tal-firma tal-ftehim u biss għas-servizzi mifthiema tat-trasport tal-passiġġieri jew ikkombinat:

1. Fejn ikun hemm ftehim bilaterali fis-seħħ bejn it-Tuneżija u Stat Membru tal-UE, in-nomina u d-drittijiet tat-tielet u tar-raba' libertajiet lejn u mill-Ajruport Internazzjonali ta' Tunis-Carthage għandhom jingħataw skont l-imsemmija ftehimiet bilaterali, ikunu xi jkunu l-frekwenzi operati:

    - lit-trasportaturi tal-ajru tat-Tuneżija li jkollhom liċenzja operattiva valida, u

    - lit-trasportaturi tal-ajru tal-Unjoni Ewropea li jkollhom liċenzja operattiva valida maħruġa mill-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li minnu titlaq t-titjira jew tasal fih.

2. Ir-reġimi ta' denominazzjoni unika fil-ftehimiet bilaterali eżistenti bejn it-Tuneżija u l-Istati Membri għandhom isiru reġimi b'denominazzjoni doppja.

3. Għal ftehimiet bilaterali eżistenti li jinkludu klawżola tat-tip Bermuda għandu japplika l-paragrafu 1, u fejn ikun hemm inqas minn għaxar (10) frekwenzi eżerċitati fid-data tal-iffirmar tal-ftehim, l-għadd ta' frekwenzi ta' kull ġimgħa għandu jiġi stabbilit għal 10 ħlief jekk il-partijiet kontraenti jaqblu li jmorru lil hinn minn dan f'konformità mal-ftehimiet bilaterali tagħhom.

4. Għall-Istati Membri li magħhom it-Tuneżija ma għandhiex ftehim dwar servizzi tal-ajru bilaterali, jew meta s-servizz tal-ajru bilaterali eżistenti jipprovdi inqas minn 10 frekwenzi fil-ġimgħa lejn u mill-ajruport internazzjonali ta' Tunis Carthage, l-għadd ta' frekwenzi fil-ġimgħa minn u lejn dan l-ajruport għandu jkun stabbilit għal 10 frekwenzi kull ġimgħa fuq reġim ta' denominazzjoni doppja għat-trasportaturi tal-ajru tat-Tuneżija li jkollhom liċenzja operattiva valida, u għal dawk tal-Unjoni Ewropea li jkollhom liċenzja operattiva valida maħruġa mill-Istat Membru tal-Unjoni Ewropea li minnu titlaq t-titjira jew tasal fih.

5. Għandha tingħata żieda annwali ta' 10 % lill-frekwenzi elenkati fil-paragrafi ta' hawn fuq ta' dan l-Anness, li tibda sena wara l-iffirmar tal-ftehim.

6. Il-partijiet kontraenti għandhom jiddiskutu fil-Kumitat konġunt, fl-iqsar żmien possibbli, kwalunkwe kwistjoni rigward l-interpretazzjoni u l-implimentazzjoni ta' dan l-Anness.

ANNESS II

(soġġett għal aġġornament regolari)

# LISA TA' REGOLI APPLIKABBLI GĦALL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Il-Parti Tuneżina għandha tiżgura li r-rekwiżiti regolatorji u l-istandards li jinsabu fid-dispożizzjonijiet applikabbli tal-atti li ġejjin, kif indikat, jiġi implimentati u applikati fil-leġiżlazzjoni, fir-regolamenti jew fil-proċeduri applikabbli fit-Tuneżija, skont dan il-ftehim. Il-Parti Tuneżina għandha tiżgura li kull adattament speċifiku għal kull wieħed minn dawn l-atti jkun, fejn xieraq, introdott fil-leġiżlazzjoni, fir-regolamenti jew fil-proċeduri applikabbli fit-Tuneżija.

## A. LIBERALIZZAZZJONI FIL-QASAM TAL-AVJAZZJONI U REGOLI OĦRA APPLIKABBLI GĦALL-AVJAZZJONI ĊIVILI

Nru 1008/2008
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Settembru 2008 dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 2, 5, 7, 11, 23(1), 24 u l-Anness I

Nru 785/2004
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' April 2004 dwar ir-rekwiżiti tal-assigurazzjoni tat-trasportaturi tal-ajru u l-operaturi tal-ajruplani, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 285/2010

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 8

Nru 2009/12
Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2009 dwar l-imposti tal-ajruporti
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 11

Nru 96/67
Id-Direttiva tal-Kunsill tal-15 ta' Ottubru 1996 dwar l-aċċess għas-suq tal-groundhandling fl-ajruporti tal-Komunità
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1-9, 11-21 u l-Anness
Fir-rigward tal-applikazzjoni tal-Artikolu 20(2), it-terminu "il-Kummissjoni" għandu jinqara "il-Kumitat Konġunt".

## B. SIKUREZZA TAL-AVJAZZJONI

***<u>Is-Sikurezza tal-Avjazzjoni Ċivili u r-Regolament Bażiku tal-EASA</u>***

Ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Frar 2008

dwar regoli komuni fil-kamp tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija Ewropea tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni, u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 91/670/KEE, ir-Regolament (KE) Nru 1592/2002 u d-Direttiva 2004/36/KE, kif emendat**:**

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 690/2009,

- Ir-Regolament (KE) Nru 1108/2009,
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 3 (l-ewwel paragrafu biss) u l-Anness

- Ir-Regolament (UE) Nru 6/2013
- Ir-Regolament (KE) Nru 4/2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 16 u l-Annessi I sa Vb.

***Operazzjonijiet bl-ajru***

Nru 965/2012
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 800/2013 tal-14 ta' Awwissu 2013,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 71/2014 tas-27 ta' Jannar 2014,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 83/2014 tad-29 ta' Jannar 2014,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 379/2014 tas-7 ta' April 2014,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/140 tad-29 ta' Jannar 2015,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/1329 tal-31 ta' Lulju 2015,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/640 tat-23 ta' April 2015,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/2338 tal-11 ta' Diċembru 2015
- Bir-Regolament (UE) Nru 2016/1199
- Bir-Regolament (UE) Nru 2017/363

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 9a u l-Annessi I sa VIII

Nru 1332/2011
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1332/2011 tas-16 ta' Diċembru 2011 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni dwar l-użu tal-ispazju tal-ajru u l-proċeduri operattivi għall-evitar ta' kolliżjonijiet fl-ajru, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2016/583 tal-15 ta' April 2016.

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 5, l-Anness

***<u>Ekwipaġġ tal-Ajru</u>***

Nru 1178/2011
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1178/2011 tat-3 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-ekwipaġġi tal-ajruplani tal-avjazzjoni ċivili skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 290/2012 tat-30 ta' Marzu 2012,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 70/2014 tas-27 ta' Jannar 2014,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2014 tat-13 ta' Marzu 2014,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/445 tas-17 ta' Marzu 2015,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2016/539 tas-6 ta' April 2016.

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 11, l-Annessi I sa IV.

***<u>L-investigazzjoni tal-aċċidenti</u>***

Nru 996/2010
Ir-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ottubru 2010 dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE, kif emendat:

- Bir-Regolament (KE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 23 bl-eċċezzjoni tal-Artikoli 7(4) u tal-Artikolu 19 (Imħassar mir-Regolament (UE) Nru 376/2014)

Nru 2012/780
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Diċembru 2012 dwar id-drittijiet ta' aċċess għar-Repożitorju Ċentrali Ewropew tar-Rakkomandazzjonijiet dwar is-Sikurezza u t-tweġibiet tagħhom stabbilit bl-Artikolu 18(5) tar-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-investigazzjoni u l-prevenzjoni ta' aċċidenti u inċidenti fis-settur tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar id-Direttiva 94/56/KE.

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 5.

***<u>Ajrunavigabbiltà inizjali</u>***

Nru 748/2012

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 748/2012 tat-3 ta' Awwissu 2012 li jistabbilixxi regoli ta' implimentazzjoni għaċ-ċertifikazzjoni tal-airworthiness u ambjentali ta' inġenji tal-ajru u ta' prodotti, partijiet u tagħmir relatati, kif ukoll għaċ-ċertifikazzjoni ta' organizzazzjonijiet relatati mad-disinn u l-produzzjoni, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 7/2013 tat-8 ta' Jannar 2013,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 69/2014 tas-27 ta' Jannar 2014,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/1039 tat-30 ta' Ġunju 2015.
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/15

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 10, l-Anness I.

***Kontinwità tal-Ajrunavigabbiltà***

Nru 1321/2014
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1321/2014 tas-26 ta' Novembru 2014 dwar il-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà ta' inġenji tal-ajru u prodotti, partijiet u tagħmir ajrunawtiċi, u dwar l-approvazzjoni ta' organizzazzjonijiet u persunal involut f'dan ix-xogħol, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1088 tat-3 ta' Lulju 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1321/2014 fir-rigward ta' tnaqqis għall-proċeduri tal-manutenzjoni għall-inġenji tal-ajru tal-avjazzjoni ġenerali,

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2015/1536 tas-16 ta' Settembru 2015 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1321/2014 fir-rigward tal-allinjament tar-regoli għall-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà mar-Regolament (KE) Nru 216/2008, l-impenji tal-manutenzjoni kritika u l-monitoraġġ tal-kontinwità tal-ajrunavigabbiltà tal-inġenju tal-ajru

Bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2017/334

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 6, l-Annessi I sa IV.

***Speċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà***

Nru 2015/640
Ir-Regolament tal-Kummissjoni tat-23 ta' April 2015 dwar l-ispeċifikazzjonijiet addizzjonali tal-ajrunavigabbiltà għal tip partikolari ta' operazzjonijiet u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 965/2012

***Ajrudromi***

Nru 139/2014
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 139/2014 tat-12 ta' Frar 2014 li jistabbilixxi rekwiżiti u proċeduri amministrattivi b'rabta mal-ajrudromi skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 10, l-Annessi I sa IV

**Ġestjoni tat-traffiku tal-ajru / Servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru**

Nru 2015/340
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/340 tal-20 ta' Frar 2015 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati maċ-ċertifikati u l-liċenzji tal-kontrolluri tat-traffiku tal-ajru skont ir-Regolament (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 u li jħassar ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 805/2011.
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 10, l-Annessi I sa IV.

Nru 373/2017
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 373/2017 tal-1 ta' Marzu 2017 li jistabbilixxi r-rekwiżiti komuni għall-fornituri ta' servizzi fil-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru/tas-servizzi tan-navigazzjoni bl-ajru u funzjonijiet oħrajn tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru u s-sorveljanza tagħhom, iħassar ir-Regolament (KE) Nru 482/2008, ir-Regolamenti ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1034/2011, (UE) Nru 1035/2011 u (UE) Nru 2016/1377 u jemenda r-Regolament (UE) Nru 677/2011

***<u>Rapporti dwar l-avvenimenti</u>***

Nru 376/2014
Ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' April 2014 dwar ir-rappurtar, l-analiżi u s-segwitu ta' okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 996/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar id-Direttiva 2003/42/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1321/2007 u (KE) Nru 1330/2007

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 7; L-Artikolu 9(3); L-Artikolu 10(2) sa (4); L-Artikolu 11(1) sa (7); L-Artikolu 13, minbarra l-paragrafu (9); L-Artikolu 14(16); L-Artikolu 21, l-Annessi I sa III.

Nru 2015/1018
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/1018 tad-29 ta' Ġunju 2015 li jistabbilixxi lista ta' klassifikazzjoni tal-okkorrenzi fl-avjazzjoni ċivili li għandhom jiġu rapportati b'mod mandatorju skont ir-Regolament (UE) Nru 376/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikolu 1, l-Annessi I sa V.

***<u>Lista Ewropea tas-sikurezza tal-ajru tat-trasportaturi tal-ajru soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità</u>***

Nru 474/2006
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 474/2006 tat-22 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi l-lista Komunitarja ta' kumpaniji tal-ajru li huma soġġetti għal projbizzjoni fuq l-operat fil-Komunità skont il-Kapitolu II tar-Regolament (KE) Nru 2111/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, kif emendat:

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2016/963 tas-16 ta' Ġunju 2016.

***Rekwiżiti tekniċi u tal-proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili***

Nru 3922/91

Ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 tas-16 ta' Diċembru 1991 dwar l-armonizzazzjoni tal-ħtiġijiet tekniċi u proċeduri amministrattivi fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili, kif emendat:

- Bir-Regolament (KE) Nru 1899/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006,
- Bir-Regolament (KE) Nru 1900/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 8/2008 tal-11 ta' Diċembru 2007,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 859/2008 tal-20 ta' Awwissu 2008.

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 10, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 4(1), l-Artikolu 8(2) (it-tieni sentenza), l-Artikoli 12 sa 13, l-Annessi I sa III.

## C. IS-SIGURTÀ TAL-AVJAZZJONI

Nru 300/2008

Ir-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2008 dwar regoli komuni fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 2320/2002.

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1-15, 18, 21 u l-Anness.

Nru 272/2009

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 272/2009 tat-2 ta' April 2009 li jissupplimenta l-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili stabbiliti fl-Anness tar-Regolament Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (KE) Nru 300/2008, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 297/2010 tad-9 ta' April 2010,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 720/2011 tat-22 ta' Lulju 2011,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1141/2011 tal-10 ta' Novembru 2011,
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 245/2013 tad-19 ta' Marzu 2013.

Nru 1254/2009

Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1254/2009 tat-18 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-kriterji li jippermettu lill-Istati Membri jidderogaw mill-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili u jadottaw miżuri alternattivi tas-sigurtà, kif emendat
Bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 2096/2016

Nru 18/2010
Ir-Regolament tal-Kummissjoni(UE) Nru 18/2010 tat-8 ta' Jannar 2010 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 300/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam ma' speċifikazzjonijiet għall-programmi nazzjonali ta' kontroll tal-kwalità fil-qasam tas-sigurtà tal-avjazzjoni ċivili.
Dispożizzjonijiet applikabbli: fl-intier tagħhom.

Nru 2015/1998
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2015/1998 tal-5 ta' Novembru 2015 li jistipula miżuri dettaljati għall-implimentazzjoni tal-istandards bażiċi komuni dwar is-sigurtà tal-avjazzjoni, kif emendat:
- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/2426 tat-18 ta' Diċembru 2015
  Dispożizzjonijiet applikabbli: fl-intier tagħhom, inkluż l-Anness.

## D. IL-ĠESTJONI TAT-TRAFFIKU TAL-AJRU

Nru 549/2004
Ir-Regolament (KE) Nru 549/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 li jippreskrivi l-qafas għall-ħolqien tal-Ajru Uniku Ewropew (ir-Regolament qafas), kif emendat:

- Bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-21 ta' Ottubru 2009. Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 5, minbarra l-Artikolu 1(4)
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 4, 6, 9 sa 13.

Nru 550/2004
Ir-Regolament (KE) Nru 550/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar il-forniment ta' servizzi ta' navigazzjoni tal-ajru fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-forniment ta' servizz); kif emendat:

- Bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 18, l-Anness I

Nru 551/2004
Ir-Regolament (KE) Nru 551/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-organizzazzjoni u l-użu tal-ispazju tal-arja fl-ajru uniku Ewropew (ir-Regolament tal-ispazju tal-arja), kif emendat:

- Bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 9

Nru 552/2004
Ir-Regolament (KE) Nru 552/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Marzu 2004 dwar l-interoperabilità tax-Xibka Ewropea ta' Amministrazzjoni ta' Traffiku tal-Ajru (ir-Regolament ta' interoperabilità); kif emendat:

- Bir-Regolament (KE) Nru 1070/2009
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 10, l-Annessi I sa V

***<u>Prestazzjoni u pprezzar</u>***

Nru 390/2013
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 390/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema ta' prestazzjoni għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru u għall-funzjonijiet tan-netwerk

Nru 391/2013
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 391/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 li jistabbilixxi skema komuni ta' imposti għas-servizzi tan-navigazzjoni tal-ajru

***<u>Funzjonijiet tan-Netwerk</u>***

Nru 677/2011
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 677/2011 tas-7 ta' Lulju 2011 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tal-funzjonijiet tan-netwerk tal-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 691/2010, kif emendat:

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 970/2014 tat-12 ta' Settembru 2014
- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 373/2017

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 25 u l-Annessi

Nru 255/2010
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 255/2010 tal-25 ta' Marzu 2010 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-ġestjoni tal-fluss tat-traffiku tal-ajru, kif emendat:

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 2016/1006 tat-22 ta' Ġunju 2016 li jemenda r-Regolament (UE) Nru 255/2010 fir-rigward tad-dispożizzjonijiet tal-ICAO imsemmija fl-Artikolu 3(1).

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 15 u l-Anness

<u>C(2011)4130</u>
Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tas-7 ta' Lulju 2011 dwar in-nomina ta' Maniġer tan-Netwerk għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (ATM) tal-funzjonijiet tan-netwerks fl-ajru uniku Ewropew.

***<u>Blokok tal-Ispazju tal-Ajru Funzjonali</u>***

Nru 176/2011
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 176/2011 tal-24 ta' Frar 2011 dwar l-informazzjoni li trid tiġi pprovduta qabel l-istabbiliment u l-modifikazzjoni ta' blokk ta' spazju tal-ajru

funzjonali.

***Interoperabbiltà***

Nru 1032/2006
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1032/2006 tas-6 ta' Lulju 2006 li jistipula rekwiżiti għal sistemi awtomatiċi għall-iskambju ta' tagħrif dwar it-titjiriet bejn ċentri tal-kontroll tat-traffiku tal-ajru għall-iskopijiet ta' notifikazzjoni, koordinazzjoni u trasferiment ta' titjiriet, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 30/2009 tas-16 ta' Jannar 2009
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 9, l-Annessi I sa V

Nru 1033/2006
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1033/2006 tal-4 ta' Lulju 2006 li jistabbilixxi r-rekwiżiti dwar proċeduri għal pjanijiet ta' titjiriet fil-fażi ta' qabel it-titjira għall-ispazju uniku Ewropew, kif emendat:

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 929/2010
- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 428/2013 tat-8 ta' Mejju 2013
- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2120/2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 5, l-Anness

Nru 633/2007
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 633/2007 tas-7 ta' Ġunju 2007 li jistipula rekwiżiti għall-applikazzjoni ta' protokoll ta' trasferiment ta' messaġġ tat-titjira użat għan-notifika, il-koordinazzjoni u t-trasferiment ta' titjiriet bejn ċentri ta' kontroll tat-traffiku tal-ajru, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 283/2011 tat-22 ta' Marzu 2011
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 6, l-Annessi I sa IV.

Nru 29/2009
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-data għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/310 tas-26 ta' Frar 2015
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 14, l-Annessi I sa III

Nru 262/2009
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 262/2009 tat-30 ta' Marzu 2009 li jistabbilixxi l-ħtiġijiet għall-allokazzjoni koordinata u għall-użu ta' kodiċijiet tal-interrogatur Mode S għall-ajru uniku Ewropew, kif emendat:

- Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2345/2016 tal-14 ta' Diċembru 2016
.
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 12, l-Annessi I sa VI

Nru 73/2010
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 73/2010 tas-26 ta' Jannar 2010 li jistipula r-rekwiżiti dwar il-kwalità tad-data ajrunawtika u l-informazzjoni ajrunawtika għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 1029/2014 tas-26 ta' Settembru 2014
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 13, l-Annessi I sa X

Nru 1206/2011
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1206/2011 tat-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar l-identifikazzjoni ta' inġenji tal-ajru għas-sorveljanza fl-Ajru Uniku Ewropew
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 11, l-Annessi I sa VII

Nru 1207/2011
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1207/2011 tat-22 ta' Novembru 2011 li jistabbilixxi rekwiżiti għall-prestazzjoni u l-interoperabilità tas-sorveljanza għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (KE) Nru 1028/2014 tas-26 ta' Settembru 2014.
- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 386/2017

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 14, l-Annessi I sa IX

Nru 1079/2012
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1079/2012 tas-16 ta' Novembru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti ta' spazjar bejn il-kanali ta' komunikazzjoni vokali għall-Ajru Uniku Ewropew, kif emendat:

- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 657/2013 tal-10 ta' Lulju 2013.
- Bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 2345/2016

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 14, l-Annessi I sa V.

***<u>SESAR</u>***

Nru 219/2007
Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 219/2007 tas-27 ta' Frar 2007 dwar l-istabbiliment ta' Impriża Konġunta għall-iżvilupp tas-sistema Ewropea ta' ġenerazzjoni ġdida għall-ġestjoni tat-traffiku tal-ajru (SESAR), kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1361/2008 tas-16 ta' Diċembru 2008,

- Bir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 721/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014.

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1(1)-(2), 1(5)-(7), 2, 3, 4(1), l-Anness

Nru 409/2013
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 409/2013 tat-3 ta' Mejju 2013 dwar id-definizzjoni ta' proġetti komuni, it-twaqqif ta' governanza u l-identifikazzjoni ta' inċentivi li jappoġġjaw l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 15

Nru 716/2014
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 716/2014 tas-27 ta' Ġunju 2014 dwar l-istabbiliment tal-Proġett Pilota Komuni li jsostni l-implimentazzjoni tal-Pjan Regolatorju Ewropew għall-Ġestjoni tat-Traffiku tal-Ajru.

***<u>Spazju tal-Ajru</u>***

Nru 2150/2005
Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2150/2005 tat-23 ta' Diċembru 2005 li jistabbilixxi regoli komuni għall-użu flessibbli tal-ispazju tal-ajru.
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 9, l-Anness

Nru 923/2012
Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 923/2012 tas-26 ta' Settembru 2012 li jistabbilixxi regoli komuni tal-ajru u dispożizzjonijiet operattivi dwar is-servizzi u l-proċeduri fin-navigazzjoni bl-ajru u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 1035/2011 u r-Regolamenti (KE) Nru 1265/2007, (KE) Nru 1794/2006, (KE) Nru 730/2006, (KE) Nru 1033/2006 u (UE) Nru 255/2010, kif emendat:

- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2015/340 tal-20 ta' Frar 2015
- Bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2016/1185

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 10, l-Anness, inklużi l-appendiċijiet

## E. AMBJENT U STORBJU

Nru 2002/49
Id-Direttiva 2002/49/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 Ġunju 2002 li tirrigwardja l-istudju u l-amministrazzjoni tal-ħsejjes ambjentali; kif emendat bir-Regolament Nru 1137/2008 u bid-Direttiva 2015/996

Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 12, l-Annessi I sa VI

Nru 2003/96
Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Ottubru 2003 li tirriforma l-istruttura tal-Komunità dwar tassazzjoni fuq prodotti ta' enerġija u elettriku
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 14(1)(b), 14(2)

Nru 2006/93
Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2006 dwar ir-regolament tal-operazzjoni tal-ajruplani koperta mill-Parti II, il-Kapitolu 3, il-Volum 1 tal-Anness 16 tal-Konvenzjoni dwar l-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali, it-tieni edizzjoni (1988)
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 5 u l-Annessi I u II

Nru 598/2014
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014 dwar l-istabbiliment ta' regoli u proċeduri fir-rigward tal-introduzzjoni ta' restrizzjonijiet operattivi relatati mal-istorbju f'ajruporti tal-Unjoni fi ħdan Approċċ Bilanċjat u li jħassar id-Direttiva 2002/30/KE
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 10, l-Annessi I u II

## F. PROTEZZJONI TAL-KONSUMATURI

Nru 2027/97
Ir-Regolament tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 1997 dwar ir-responsabbiltà ta' trasportaturi tal-ajru fl-eventwalità ta' inċidenti, kif emendat:

– Bir-Regolament (KE) Nru 889/2002
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 6 u l-Annessi

Nru 261/2004
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Frar 2004 li jistabbilixxi regoli komuni dwar il-kumpens u l-assistenza għal passiġġieri fil-każ li ma jitħallewx jitilgħu u ta' kanċellazzjoni jew dewmien twil ta' titjiriet, u li jħassar ir-Regolament (KEE) Nru 295/91
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 16

Nru 1107/2006
Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-5 ta' Lulju 2006 dwar id-drittijiet ta' persuni b'diżabbiltà u ta' persuni b'mobbiltà mnaqqsa meta jivvjaġġaw bl-ajru
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 16, l-Annessi I u II

## G. ASPETTI SOĊJALI

Nru 1989/391
Id-Direttiva tal-Kunsill tat-12 ta' Ġunju 1989 dwar l-introduzzjoni ta' miżuri sabiex jinkoraġġixxu titjib fis-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema fuq ix-xogħol, kif emendata:

- Bid-Direttiva 2007/30/KE
  Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 16.

Nru 2000/79
Id-Direttiva tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2000 dwar il-Ftehim Ewropew fuq l-Organizzazzjoni tal-Ħinijiet tax-Xogħol ta' Ħaddiema Mobbli fl-Avjazzjoni Ċivili konkluż mill-Assoċjazzjoni tal-Linji tal-Ajru Ewropej (AEA), il-Federazzjoni Ewropea tal-Ħaddiema tat-Trasport (ETF), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kabini tal-Piloti (ECA), l-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Linji tal-Ajru Reġjonali (ERA) u l-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-

Trasportazzjoni bl-Ajru (IACA)
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 2 sa 3, l-Anness

Nru 2003/88
Id-Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Novembru 2003 li tikkonċerna ċerti aspetti tal-organizzazzjoni tal-ħin tax-xogħol
Dispożizzjonijiet applikabbli: L-Artikoli 1 sa 20, 22 sa 23